MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 62/2019 LM

**E & S Consultancy Limited**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Matthew Caruana Galizia**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **E & S Consultancy Limited (C 50332),** [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tas-7 ta' Lulju, 2022, li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimat **Matthew Caruana Galizia** [hawnhekk 'l-appellat'] dwar id-difiża ta' 'opinjoni onesta'

mogħtija minnu, u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha, u fl-istess waqt ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Fatti**

2. Is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha l-massimu kkontemplat fil-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala danni in riparazzjoni tal-malafama sofferta minnha fir-rigward ta' *tweets* imtella' mill-intimat fis-26 ta' Frar, 2018, fis-27 ta' Frar, 2018, fl-14 ta' Marzu, 2019 u fil-15 ta' Marzu, 2019, liema *tweets* is-soċjetà rikorrenti tgħid li ttellgħu bl-għan li jtellfu u jnaqqsu r-reputazzjoni, l-integrità u l-unur tagħha. Qalet li l-intimat bħala awtur tat-*tweets* ippubblikati, immalafamaha u illibellaha billi attakka l-integrità, l-unur u r-reputazzjoni professjonali tagħha permezz ta' insinwazzjonijiet u allegazzjonijiet għal kollox inveritieri u foloz.

**Mertu**

3. L-intimat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-azzjoni fir-rigward tat-*tweets* ippubblikati minnu fis-26 ta' Frar, 2018 fis-27 ta' Frar, 2018 hija preskritta a tenur tal-artikolu 18 tal-Kap. 579. Qal ukoll li l-fatt li ġew intavolati tliet kawżi ta' libell dwar l-istess pubblikazzjonijiet jindika b'mod ċar li l-intenzjoni tar-rikorrenti hija li tivvessa u toħnoq kull kritika. L-intimat eċċepixxa li soċjetà kummerċjali bħal ma hija r-rikorrenti tista', u kellha tuża, l-artikolu 16 tal-Kap. 579 biex taġixxi, billi l-'unur u professjonalità' imsemmija bħala l-bażi tal-azzjoni attriċi huma attributi ta' persuni fiżiċi u mhux ta' soċjetajiet kummerċjali li l-għan tagħhom huwa li jagħmlu profitti minn atti tal-kummerċ. Qal li minkejja li

s-soċjetà rikorrenti imkien ma indikat b'liema parti/partijiet tat-*tweets* tiegħu qegħda tħossha malafamata, fil-fehma tiegħu il-pubblikazzjoni tammonta għal 'opinjoni onesta', u l-pubblikazzjoni hija waħda privileġġata a tenur tal-artikolu 4(4)(a) tal-Kap. 579. L-intimat qal ukoll li l-pubblikazzjoni tammonta għal *fair comment* dwar ġrajja ta' interess pubbliku, li huwa raġonevoli f'soċjetà demokratika.

4. Permezz ta' sentenza *in parte* mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Jannar, 2020, ġie deċiż li l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat għandha tiġi milqugħa, u dan billi l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti dwar *tweets* ippubblikati fis-26 ta' Frar, 2018 u fis-27 ta' Frar, 2018, hija preskritta a tenur tal-artikolu 18 tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. **Dr Christian Ellul** xehed li huwa direttur tas-soċjetà rikorrenti, flimkien ma' żewġ persuni oħra, u s-soċjetà rikorrenti għandha *corporate service provider licence* sabiex toffri servizzi lil klijenti barranin. Qal li huwa kien miżżewweġ mara ta' nazzjonalità Slovakka, bint ċertu Marian Kočner, li kien talbu jinkorporalu xi kumpanniji hawn Malta. Ix-xhud qal li wara ftit aktar minn sena żwieġ, huwa ddivorzja minn mal-mara tiegħu, u missierha, Kočner, kien talbu jagħlaq il-kumpanniji li kienu nfetħu minnu. Qal li huwa baqa' jsegwi l-proċess tal-likwidazzjoni ta' dawn il-kumpanniji, li ġew *struck off* fis-sena 2016. Ix-xhud qal li fis-sena 2017, huwa ġie infurmat li l-intimat Matthew Caruana Galizia permezz ta' *tweet* kien semma li x-xhud u Karl Schranz kienu għinu lil Marian Kočner fil-ħasil tal-flus u fi frodi fit-taxxa. Ir-rikorrent qal li l-intimat kien għamel konnessjoni bejn il-qtil tal-ġurnalist Jan Kuciak fis-Slovakkja u l-qtil ta' ommu Daphne Caruana Galizia, fejn spjega l-problema li fl-Ewropa l-ġurnalisti

mhumiex protetti. Ix-xhud qal li l-intimat allega li huwa kien għen lil Kočner jaħsel flus u jevadi t-taxxa bl-istrutturi li kien inkorpora f'Malta. Ix-xhud qal li wara li dehret l-ewwel *tweet* tal-intimat, kien hemm ġurnali u *portals* oħra li rrappurtaw dwar din l-istorja, u dan kollu beda jħalli impatt fuq in-negozju mmexxi minnu. Qal ukoll li l-*Malta Gaming Authority* kienet tat deċiżjoni li huwa u d-direttur l-ieħor fin-negozju mhumiex *fit and proper* biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet għan-nom tal-klijenti tagħhom.

6. **Karl Schranz**, direttur tas-soċjetà rikorrenti, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa kien jaf li kienet inħolqot kumpannija f'Malta li kienet topera mis-Slovakkja bl-isem ta' International Investment Holdings Limited, u Christian Ellul kien direttur ta' din il-kumpannija, u kien qiegħed jaqdi dan l-inkarigu *pro bono.* Qal li huwa kien jaf li din il-kumpannija kienet ta' dak li kien il-kunjatu ta' Ellul dak iż-żmien, u din il-kumpannija ġiet likwidata wara li ġiet awditjata. Qal li hu ma setax jifhem kif hu jew id-direttur l-ieħor fil-kumpannija E & S Consultancy Limited kellhom x'jaqsmu ma' xi evażjoni tat-taxxa jew ħasil tal-flus, jew kif huma ġew assoċjati ma' qtil fis-Slovakkja. Ix-xhud qal ukoll li l-artikli li ġew ippubblikati kienu affettwawh ħafna kemm fil-ħajja privata tiegħu kif ukoll fil-ħajja personali, u li iż-żmien ma kienx wieħed feliċi għall-kumpannija rappreżentata minnu, anki għaliex il-kumpannija bdiet issib diffikultajiet biex tingaġġa ħaddiema magħha. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li l-proċeduri mibdija mill-MFSA u mill-*Gaming Authority* kontra tiegħu għadhom ma ntemmux, u huwa ġie infurmat mill-MGA u mill-MFSA li mhuwiex persuna *fit and proper*, u li din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq it-*tweets* ta' Caruana Galizia.

7. **Mariella Baldacchino** fl-*affidavit* tagħha qalet li hija bdiet taħdem mas-soċjeta rikorrenti f'Settembru tal-2015, bħala *senior lawyer,* u f'Jannar tal-2017 hija ġiet appuntata bħala direttriċi tal-istess kumpannija. Qalet li l-artikli u t-*tweets* ippubblikati mill-intimat bdew jiġu ripetuti minn ħafna ġurnalisti oħra, u għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li jiġu avviċinati l-ġurnalisti li bdew jirrappurtaw dwar it-*tweets* tal-intimat. Ix-xhud qalet li meta bdew jiġu ppubblikati dawn l-artikli u *tweets,* inħoloq stress u inkwiet kbir għall-futur tal-kumpannija u tal-impjegati tagħha.

8. **Dr. Dominic Micallef**, Chief Officer Enforcement fil-Malta Gaming Authority, xehed li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità biex diversi kumpanniji li huma involuti fihom Dr. Christian Ellul u Karl Schranz, fosthom is-soċjetà attriċi, ma jibqgħux jiġu kunsidrati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' 'fitness u propriety' għall-finijiet tal-Awtorità, ittieħdet abbażi tar-rapportaġġ li sar fil-midja dwar il-konnessjoni bejn il-kumpanniji li l-attur kien involut fihom u Marian Kočner li kien kien suspettat bil-qtil tal-ġurnalista Jan Kuciak u l-għarusa tiegħu, kif ukoll abbażi tal-allegazzjoni li dawn il-kumpanniji kienu intużaw minn Marian Kočner għal ħasil tal-flus bejn Malta u Slovakia.

9. L-intimat **Matthew Caruana Galizia**, fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, spjega li kien sejjer jippreżenta traduzzjonijiet ta' xi artikoli li nkitbu mill-ġurnalist Jan Kuciak għal organizzazzjoni tal-aħbarijiet fis-Slovakkja, fejn dan investiga l-attivitajiet ta' Marian Kočner u r-relazzjoni tiegħu mas-soċjetà rikorrenti. Dawn id-dokumenti ġew esebiti mill-intimat, u jiffurmaw parti mill-atti tal-Ewwel Qorti.

10. Ix-xhud **Petra Camilleri** għan-nom tal-MFSA, spjegat li kienu saru proċeduri kontra s-soċjetà rikorrenti għaliex *prima facie* irriżulta li kien hemm ksur ta' xi regolamenti jew xi liġi tal-MFSA.

11. Ix-xhud **Dr Carl Brincat** għan-nom tal-Malta Gaming Authority, spjega li meta diretturi, *qualifying shareholders* jew persuni f'pożizzjonijiet ewlenin jitolbu liċenzja, l-MGA tagħmel *screening* kemm fl-istadju tal-applikazzjoni, kif ukoll fi stadju aktar tard. Qal li dak l-*iscreening* isir minn *open source intelligence,* fost verifiki oħra li jsiru, u fil-każ odjern saret indaġni fil-fond dwar is-soċjetà rikorrenti u d-diretturi tagħha, u mill-informazzjoni miġbura ġie determinat li dawn mhumiex *fit and proper.* Ix-xhud qal li minkejja li d-deċiżjoni tal-MGA hija waħda finali, din tibqa' suġġetta għall-appell li sar quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, liema proċeduri għadhom pendenti.

12. Fl-atti tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, ġew inseriti l-atti tal-proċeduri tar-rikors numru 59/2019 fl-ismijiet **E & S Consultancy Ltd *vs.* Caroline Muscat**, u dan għaliex is-soċjetà rikorrenti fetħet proċeduri kontra ġurnalisti oħra dwar l-istess allegazzjonijiet u rapporti, jiġifieri dwar ir-rabta tas-soċjetà rikorrenti ma' Marian Kočner, u l-fatt li wieħed mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti kien miżżewweġ lil bint Kočner.

<u>**Is-Sentenza Appellata**</u>

12. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet numerati 1(b) u 1(ċ) fir-risposta tal-intimat, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni 2(iii), tilqa' l-eċċezzjoni

tal-opinjoni onesta taħt il-paragrafi 2(i) u 2(ii) fir-risposta tal-intimat, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti E & S Consultancy Limited, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*Id-dikjarazzjonijiet impunjati f'din il-kawża huma dawk li ġew pubblikati mill-konvenut fl-14 ta' Marzu, 2019 u fil-15 ta' Marzu, 2019 fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali Twitter: dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet ma ġewx milquta mis-sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 2020 fejn ġie deċiż li l-azzjoni safejn tikkonċerna l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut fis-26 ta' Frar, 2018 u fis-27 ta' Frar, 2018 hija preskritta. Id-deċiżjoni tad-29 ta' Jannar, 2020 tfisser li l-Qorti ma tistax tieħu t-tweets tas-26 ta' Frar, 2018 u tas-27 ta' Frar, 2018 in konsiderazzjoni fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar jekk għandhiex tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi għal malafama u kuntrarjament għal dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, għandha tillimita l-istħarriġ tagħha biss in kwantu għat-tweets tal-14 u l-15 ta' Marzu, 2019.*

*Fl-14 ta' Marzu, 2019, il-konvenut ippubblika s-segwenti dikjarazzjoni fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali, Twitter: -*

Jan was investigating tax fraud committed by Kočner and his Maltese lawyers and accountants Ellul & Schranz. Will there be arrests in Malta, too? *(fn. 1 Dok. D fol 5)*

*Imbagħad fil-15 ta' Marzu, 2019, huwa ppubblika s-segwenti stqarrija:-*

The full report on the Slovakia-Malta tax fraud that Jan Kuciak investigated, for which Slovak police now seem to be saying he was murdered: theshiftnews.com/2019/03/15/the ... Still no arrests in Malta for the lawyers and accountants who engineered the scheme. *(fn. 2 Dok. E, fol. 6)*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tosserva li għall-proponibbilità tal-azzjoni għal malafama jeħtieġ li jkun hemm xi inferenza li torbot lill-persuna aggravata mal-istqarrija impunjata għaliex jekk il-persuna aggravata mhijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett ta' dik il-pubblikazzjoni.*

*Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid hekk:*

"A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that he or she was the person referred to. Any damages award in such a case needs to take into account that not every person to whom the statement was published will necessarily have understood it to be of and concerning the claimant." (*fn. 3 Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins QC.5.08, p. 107)*

*Naturalment, meta l-persuna hija msemmija b'isimha f'dikjarazzjoni malafamanti, hija b'hekk identifikata lil dawk kollha li lilhom tiġi ppubblikata dik l-istqarrija u huwa irrilevanti l-fatt li l-eċċipjenti tal-istqarrija ma għandhom l-ebda għarfien tal-persuna aggravata.*

*Jingħad ukoll li meta l-persuna aggravata mhijiex imsemmija b'isimha fl-istqarrija impunjata u jeħtieġ li l-qarrej ikollu għarfien dwar xi fatt estrinsiku għall-pubblikazzjoni biex ikun f'pożizzjoni li jidentifika lill-persuna aggravata, jinkombi lill-attur iressaq prova mhux biss tal-persuni li identifikawh mill-pubblikazzjoni iżda wkoll tal-fatti l-oħra li jikkostitwixxu l-għarfien speċjali. F'kull każ iżda, it-test jibqa' wieħed oġġettiv: jekk persuna ordinarja u raġjonevoli fil-kategorija tal-persuni li lilhom tiġi ppubblikata l-istqarrija impunjata, tkun fehmet raġjonevolment li l-pubblikazzjoni tirreferi lill-persuna aggravata mhux imsemmija b'isimha.*

"The test is whether there is 'something in the defamatory manner or in the circumstances in which it is published, which indicates, and enables a jury to find, that particular individuals are defamed, although they are not named." (*fn. 4* ***Knupfer v. London Express Newspaper Ltd*** *(1994) AC 116 (HL), p. 119-121). Applikat dan l-insenjament għall-pubblikazzjonijiet in diżamina, il-Qorti fehmet illi l-pubblikazzjonijiet impunjati huma evidentement dwar u jikkonċernaw lill-uffiċjali tas-soċjetà attriċi, Dr. Christian Ellul u Karl Schranz li tramite din is-soċjetà jipprovdu servizzi legali u finanzjarji.*

*Skont Collins "*A corporation and its owners may be capable of being identified by a statement that identifies only the business name by which the corporation trades."

*Mill-provi li tressqu jirriżulta li s-soċjetà E & S Consultancy Limited topera fil-qasam legali u finanzjarju: dan ifisser li persuni li jaħdmu f'dawn l-oqsma partikolari jistgħu jifhmu mingħajr wisq sforz u tiġbid, ir-referenza għal "*lawyers and accountants Ellul & Schranz" *bħala referenza għall-uffiċjali tas-soċjetà attriċi li hija ta' Karl Schranz li huwa accountant u ta' Dr Christian Ellul li huwa avukat u mmexxija minnhom bħala diretturi. Huwa minnu li l-isem tas-soċjetà attriċi mhux "Ellul & Schranz" iżda huwa daqstant ovvju mill-pubblikazzjoni impunjata li l-isem "Ellul & Schranz" huwa referenza għall-isem tal-avukati u accountants li jmexxu ditta li tipprovdi servizzi*

*legali u ta' accountancy. Minn dan, il-konnessjoni bejn "*Maltese lawyers and accountants Ellul & Schranz" *u s-soċjetà attriċi hija evidenti u l-Qorti hi tal-fehma li fir-referenza għal* "lawyers and accountants Ellul & Schranz"*, hija suffiċjentement identifikabbli s-soċjetà attriċi E & S Consultancy Limited tramite l-isem tal-uffiċjali ossia diretturi tagħha.*

*Għandu jingħad ukoll illi għalkemm is-soċjetà attriċi mhijiex identifikata fil-pubblikazzjoni ossia* tweet *tal-15 ta' Marzu, 2019, dan isegwi u huwa marbut intrinsikament mat-*tweet *preċedenti, dan permezz tar-riproduzzjoni tal-istess* tweet *tal-14 ta' Marzu, 2019. Dan ifisser li l-qarrej tat-*tweet *tal-15 ta' Marzu, 2019 għandu aċċess dirett anke permezz ta' link għall-kontenut tat-*tweet *tal-14 ta' Marzu, 2019 fejn hemm referenza aktar speċifika u espressa għall-avukati u accountants li saret referenza għalihom b'mod ġenerali fl-aħħar* tweet *u konsegwentement, jista' faċilment jifhem illi l-attur huwa wieħed mill-persuni msemmija fit-*tweet *tal-15 ta' Marzu, 2019 bħala l-*"lawyers and accountants who engineered the scheme". *Konformement, l-identifikazzjoni tas-soċjetà attriċi, ġaladarba saret f'pubblikazzjoni waħda, għandha titqies li saret ukoll għall-fini tal-pubblikazzjoni l-oħra.*

*Il-Qorti tosserva wkoll li fl-artikolu ppubblikat fuq is-sit elettroniku* theshiftnews.com *fil-15 ta' Marzu, 2019 li huwa aċċessibbli direttament permezz ta'* link *fl-imsemmi* tweet, *is-soċjetà attriċi hija msemmija b'isimha u għalhekk hija kjarament identifikata bħala entità li pprovdiet servizzi lil Marian Kočner.*

*Inoltre, s-soċjetà attriċi ressqet provi li juru illi kien hemm min identifikaha speċifikament bħala waħda mill-persuni li l-konvenut kien qed jirreferi għalihom fit-*tweet *tiegħu bħala "*Maltese lawyers and accountants Ellul & Schranz". *Fost persuni oħrajn, Dr Dominic Micallef, Chief Officer Enforcement fil-Malta Gaming Authority, xehed li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità biex diversi kumpanniji li huma involuti fihom Dr. Christian Ellul u Karl Schranz, fosthom is-soċjetà attriċi, ma jibqgħux jiġu kunsidrati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' "*fitness u propriety" *għall-finijiet tal-Awtorità, ittieħdet abbażi tar-rapportaġġ li sar fil-midja dwar il-konnessjoni bejn il-kumpanniji li l-attur kien involut fihom u Marian Kočner li kien suspettat bil-qtil tal-ġurnalista Jan Kuciak u l-għarusa tiegħu, kif ukoll abbażi tal-allegazzjoni li dawn il-kumpanniji kienu intużaw minn Marian Kočner għal ħasil tal-flus bejn Malta u Slovakia.*

*Għalhekk, m'hemmx wisq dubju li minn din il-perspettiva, is-soċjetà attriċi setgħet leġittimament tistitwixxi l-azzjoni f'isimha. Konsegwentement, is-sottomissjoni tal-konvenut li s-soċjetà attriċi mhijiex identifikata fil-pubblikazzjonijiet impunjati, mhijiex korretta.*

*Ikkunsidrat;*

*Jirriżulta illi fiż-żewġ pubblikazzjonijiet ossia* tweets *li qegħdin fil-mira ta' din l-azzjoni ta' libell, riprodotti aktar qabel, il-konvenut għamel, in sostanza, dawn l-istqarrijiet: (i) Marian Kočner ikkommetta flimkien mal-avukati u accountants Maltin tiegħu Ellul & Schranz, frodi fit-taxxa; (ii) dan il-frodi kien jitwettaq permezz ta' skema li kienet tinħadem minn Malta u mill-Islovakja, skema li ġiet ippjanata minn Ellul & Schranz, (iii) Jan Kuciak kien qed jinvestiga proprju din l-iskema ta' frodi fit-taxxa meta ġie maqtul u li din l-investigazzjoni kienet qed titqies possibilment bħala l-mottiv wara dan l-omiċidju, (iv) jistaqsi għaliex l-avukati u accountants ta' Marian Kočner, b'referenza għall-uffiċjali tas-soċjetà attriċi, għadhom ma ġewx ukoll arrestati b'rabta ma' dawn il-fatti.*

*Minn dan il-Qorti tislet is-segwenti:-*

*(i) L-imputazzjoni illi Dr. Christian Ellul u Karl Schranz huma l-avukati u l-accountants ta' Marian Kočner;*
*(ii) L-imputazzjoni li dawn il-persuni kienu involuti flimkien mal-istess Marian Kočner, persuna akkużata bil-qtil ta' ġurnalista, fl-ippjanar u operazzjoni ta' skema biex jikommettu reat kriminali, ċioe frodi fit-taxxa;*
*(iii) In kwantu speċifikament għat-tweet tal-15 ta' Marzu, 2019, il-Qorti taqbel mas-soċjetà attriċi illi l-imputazzjoni li tinsilet mill-istqarrija tal-konvenut, hija li l-qtil ta' Jan Kuciak huwa marbut mal-iskema li ħaddem Marian Kočner bl-involviment tal-uffiċjali tas-soċjetà attriċi, biex jiġi kommess frodi fit-taxxa.*
*(iv) Il-Qorti taqbel ukoll illi l-konvenut qed jissuġġerixxi li abbażi tal-involviment tal-uffiċjali tas-soċjetà attriċi ma' Marian Kočner, abbażi tal-involviment tagħhom fit-twettiq ta' dan il-frodi, u abbażi tal-qtil ta' Jan Kuciak, hemm lok li huma jiġu arrestati.*

*Iżda kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mis-soċjetà attriċi, il-Qorti ma taqbilx li l-pubblikazzjonijiet tal-konvenut iwasslu imputazzjoni espressa li l-uffiċjali tagħha għandhom jiġu arrestati speċifikament* ***b'rabta mal-qtil ta' Jan Kuciak*** *– dan ma jintqal imkien fiż-żewġ tweets. Għall-kuntrarju, il-Qorti tidentifika l-mertu tat-tweets u l-enfasi li sar fihom, fil-kommissjoni ta' frodi fit-taxxa da parti tal-uffiċjali tas-soċjetà attriċi u mhux fil-qtil ta' Jan Kuciak; kemm hu hekk fit-tweet tal-15 ta' Marzu, 2019 il-konvenut jiżvela l-pubblikazzjoni tar-rapport sħiħ dwar "*the Slovakia-Malta tax fraud*" fuq is-sit elettroniku* theshiftnews.com *u jitkellem dwar l-avukati u l-accountants li sawru l-iskema tal-frodi.*

*Wara kollox, jinsab ritenut illi għad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaċi twassal l-imputazzjoni impunjata:*

"(1) **the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naive but he is not unduly suspicious**. He can read between the lines.

He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking **but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available ..."** *(fn. 5* ***Jeynes v News Magazines Ltd*** *[2008] EWCA) [emfasi tal-Qorti]*

*Għandu jiġi senjalat ukoll illi l-kunċett ta' arrest ma twassalx neċessarjament imputazzjoni ta' ħtija: għall-kuntrarju, fil-fehma tal-Qorti hemm qabża sinjifikanti bejn il-kunċett ta' suspett raġonevoli ta' ħtija li jifforma l-bażi tal-arrest ta' persuna, u dikjarazzjoni ta' ħtija: l-espressjoni tal-fehma li jista' jkun hemm bażi għall-arrest ta' persuna ma twassalx, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mis-soċjetà attriċi, imputazzjoni li dik il-persuna hija ħatja ta' reat.*

*Fid-deċiżjoni fil-każ* ***Mirror Newspapers Ltd v. Harrison*** *(fn. 6 1982) 149 CLR 293; [1982] HCA 50), ġie ritenut hekk in tema ta' stqarrijiet li jwasslu imputazzjoni ta' suspett jew ta' ħtija:-*

"The ordinary reasonable reader is mindful of the principle that a person charged with a crime is presumed innocent until it is proved that he is guilty. Although he knows that many persons charged with a criminal offence are ultimately convicted, he is also aware that guilt or innocence is a question to be determined by a court, generally a jury, and that not infrequently, the person charged is acquitted.

In this situation, the reader will view the plaintiff with suspicion, concluding that he is a person suspected by the police of having committed the offence and that they have ground for laying a charge against him. But this does not warrant the conclusion that by reporting the fact of arrest and charge, a newspaper is imputing that the person is guilty."

*Wisq inqas f'każ bħal dan in diżamina, fejn l-uffiċjali tas-soċjetà attriċi mhumiex arrestati u l-istqarrija impunjata mhijiex qiegħda twassal imputazzjoni ta' ħtija iżda qiegħda tissuġġerixxi biss li jista' jkun hemm lok għal arresti abbażi tal-fatti li jsir referenza għalihom fit-*tweets *tal-konvenut.*

*Intqal ukoll fl-istess deċiżjoni appena ċitata:-*

"A distinction needs to be drawn between the reader's understanding of what the newspaper is saying and judgments or conclusions which he may reach as a result of his own beliefs and prejudices. It is one thing to say that a statement is capable of bearing an imputation defamatory of the plaintiff because the ordinary, reasonable reader would understand it in that sense, drawing in his own knowledge and experience of human affairs in order to reach that result. It is quite another thing to

say that a statement is capable of bearing such an imputation merely because it excites in some readers a belief or prejudice from which they proceed to arrive at a conclusion unfavourable to the plaintiff. The defamatory quality of the published material is to be determined by the first, not by the second, preposition."

*Hija l-fehma tal-Qorti fil-każ odjern illi l-imputazzjoni li wassal il-konvenut bid-dikjarazzjoni tiegħu li għadhom ma sarux arresti f'Malta in konnessjoni ma' skema ta' frodi fit-taxxa li kienu involuti fiha l-uffiċjali tas-soċjetà attriċi, ma tistax titqies raġjonevolment bħala imputazzjoni li l-avukati u accountants Maltin ta' Marian Kočner bħala uffiċjali tas-soċjetà attriċi huma ħatja ta' frodi fit-taxxa, wisq u wisq inqas li huma ħatja tal-qtil tal-ġornalista. Għall-qarrej ordinarju u raġjonevoli, l-imputazzjoni li tinsilet, kif diġà ġie stabbilit, hi* ***tal-involviment tas-soċjetà attriċi, tramite l-uffiċjali tagħha, ma' Marian Kočner fit-twettiq ta' reat ta' frodi dwar it-taxxa li Jan Kuciak kien qed jinvestiga meta ġie maqtul u konsegwentement, tal-eżistenza ta' assoċjazzjoni ma' dan il-qtil, assoċjazzjoni li timmerita investigazzjoni kriminali.***

*Ikkunsidrat;*

*Il-konvenut, fl-eċċezzjoni 1(ċ) fir-Risposta tiegħu jeċċepixxi li s-soċjetà attriċi setgħet tistitwixxi azzjoni ta' libell biss abbażi tal-artikolu 16 tal-Kap. 579 (il-libell kummerċjali) u b'hekk għandu jirriżulta li l-azzjoni tagħha hija fondata fuq premessa ħażina.*

*Il-Qorti minnufih tiddikjara li din l-eċċezzjoni hija infondata u tiċċita fir-rigward is-segwenti bran mill-kitbiet ta' Collins fir-rigward tad-dritt ta' azzjoni ta' kumpanniji kummerċjali u korporazzjonijiet oħra li joperaw għal profitt, li jġibu 'l quddiem azzjoni għal malafama taħt il-liġi l-ġdida, Defamation Act, 2013 (UK), fejn jgħid hekk:-*

"Companies and other trading corporations are able to bring defamation actions in respect of defamatory statements published about them that affect their trading or business reputations. The statement complained of must reflect on the reputation of the corporate entity, as opposed to an individual or individuals associated with it."

*L-azzjoni maħsuba taħt l-Artikolu 16 tal-Kap. 579, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-konvenut, mhijiex eżerċitabbli biss minn soċjetà kummerċjali iżda hija azzjoni* ***alternattiva*** *li hija disponibbli* ***ukoll*** *lil soċjetajiet kummerċjali u persuni ġuridiċi li dwarhom tiġi pubblikata malizzjożament, dikjarazzjoni falza. Din l-azzjoni, imsemmija 'libell kummerċjali' fil-Kap. 579, tixbaħ ħafna l-azzjoni għal* malicious falsehood *taħt il-liġi Ingliża, liema azzjoni tispetta mhux biss lil persuni ġuridiċi bħal kumpanniji, iżda lil kull min jista' jġib prova speċifika li bil-pubblikazzjoni malizzjuża*

*ta' dikjarazzjoni falza fil-konfront tiegħu, sofra ħsara fin-negozju jew kwalunkwe proprjetà oħra tiegħu.*

*Collins jiddefinixxi hekk azzjoni bħal din:* "A claim for malicious falsehood is potentially available in respect of false statements which are not defamatory, and in respect of statements which denigrate the claimant's business, property, or title to property, rather than the claimant's person." *(fn 7 On Defamation (2014 Ed.), 29.06.p. 543)*

*Imbagħad, Gatley jiċċita s-segwenti bran mid-deċiżjoni fil-każ ċelebri in materja ta'* malicious falsehood, **Ratcliffe v. Evans** (*fn. 8 (1892), 2 Q.B. 524 CA., ibid 21.1, p.811, 812)*:-

"**Such an action is not one of libel or slander**, but just an action on the case for damage wilfully and intentionally done without just occasion or excuse ... To support it, actual damage must be shown, for it is an action which only lies in respect of such damage as has actually occurred."

*Minn dan hu evidenti li l-azzjoni taħt l-Artikolu 16 tal-Kap. 579, għalkemm hija magħrufa bħala libell kummerċjali, m'hijiex azzjoni għal malafama taħt l-Artikolu 3 tal-Kap. 579 u hija distinta minnha. Inoltre, m'hijiex l-unika azzjoni li tispetta lil kumpannija jew korp ġuridiku ieħor: għall-kuntrarju, l-azzjoni taħt l-Artikolu 16 tal-Kap. 579 hija disponibbli sija lil persuna naturali u sija lil persuna legali bħala alternattiva għal azzjoni għal malafama. Dan hu affermat mis-subartikolu (2) tal-Artikolu 16 li jiddisponi speċifikatament li kumpannija, fondazzjoni, koperattiva u kwalunkwe persuna ġuridika oħra tista' tħarrek għal malafama. Għall-Qorti, din hija stipolazzjoni inekwivoka li kumpannija tista' tħarrek għal malafama u mhux biss għal libell kummerċjali.*

*Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti huwa evidenti li l-azzjoni esperita mis-soċjetà attriċi hija waħda għal malafama minħabba stqarrija diffamatorja fil-midja, taħt l-Artikolu 3 tal-Kap. 579, liema azzjoni, kif rajna, il-liġi tipprovdi espressament li tista' tiġi eżerċitata minn kumpannija, purché naturalment, tissodisfa r-rekwiżiti tas-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 3.*

*Konsegwentement, l-eċċezzjoni 1(ċ) fir-Risposta tal-konvenut hija bla siwi u sejra tiġi respinta.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi biex imputazzjoni tista' titqies li hija diffamatorja, jeħtieġ li jintwera li din tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata jew tal-anqas li jkollha l-propensità li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni u f'każ ta' korp li jopera għal profitt, li tikkaġuna telf finanzjarju li huwa serju.*

*Kwantu speċifikatament azzjonijiet ta' malafama li jiġu istitwiti minn korp li jopera għal profitt, jingħad illi ghalkemm korp, bħala persuna legali, m'għandux emozzjonijiet u ma jistax għalhekk, fil-prattika, iħossu offiż jew insultat iżda jista' jġarrab biss ħsara finanzjarja, il-ħsara li tista' ġġarrab m'hijiex limitata biss għal telf ta' introjtu. Fil-fatt, ir-reputazzjoni u l-avvjament tal-korp ukoll jistgħu iġarrbu ħsara u korp bħal dan jista' jsostni azzjoni għal malafama jekk jintwera li l-kliem diffamatorju huwa kapaċi jimpinġi fuq ir-reputazzjoni kummerċjali jew fuq in-negozju tiegħu.*

"A trading corporation or company "has a trading character, the defamation of which may ruin it".

...

"The reputation of a corporate body is capable of being, and will usually be, not simply something in which its directors and shareholders may take pride, but an asset of positive value to it." (*fn. 9 Gatley, ibid. 8.16, p. 295)*

*Il-Qorti ma tqisx illi huwa meħtieġ sabiex jiġi sodisfatt il-kriterju impost mill-Artikolu 3(4) tal-Att illi s-soċjetà inġurjata tipprova telf finanzjarju* ***attwali*** *u dan minħabba fid-diffikoltà manifesta li jiġi ppruvat in-ness kawżali bejn il-malafama u t-tnaqqis tal-introjtu. Huwa għal din ir-raġuni li l-liġi tqis bħala suffiċjenti l-kriterju li tkun ser tiġi kkawżata telf finanzjarju serju.*

*Fil-fehma tal-Gatley:-*

"... if a statement is made as to the mode in which a trading company conducts its business such as to lead people of ordinary sense to the opinion that it conducts its business in a dishonest, improper or inefficient manner, **the law is the same as the case of an individual** and the company can maintain an action without proof of special damage.*" (fn. 10 Gatley, supra, 8.16 p. 298) (emfasi tal-Qorti)*

*In tema ta' kliem diffamatorju indirizzat fil-konfront ta'* ***uffiċjali tal-kumpannija*** *u mhux fil-konfront tal-prodotti jew servizzi offruti minnha, huwa ritenut li jeħtieġ li l-kliem ikun kapaċi fih innifsu li jinftiehem bħala referenza għall-kumpannija, b'mod illi kliem li jirrifletti unikament fuq l-uffiċjali jew soċji tal-kumpannija, m'huwiex azzjonabbli bħala libell istitwita mill-istess kumpannija.*

*L-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati f'din il-kawża, jikkonċernaw tnejn mid-diretturi tas-soċjetà attriċi li joffru s-servizzi professjonali tagħhom bħala avukat u accountant rispettivament, tramite l-istess soċjetà attriċi. Dawn l-istqarrijiet saru speċifikatament fir-rigward tas-servizzi li dawn l-uffiċjali tas-soċjetà attriċi pprovdew lil Marian Kočner, ir-rabtiet li kellhom ma' kumpanniji f'Malta assoċjati ma' Marian Kočner u*

*mal-istess Marian Kočner, li ġie mixli bil-qtil tal-ġurnalista Jan Kuciak, kif ukoll ma' skema ta' frodi fit-taxxa li fiha kienu involuti dawn il-kumpanniji Maltin u kumpanniji fis-Slovakkja, liema skema kienet fil-mira ta' investigazzjoni ġurnalistika tal-imsemmi Jan Kuciak. Kif diġà ngħad, l-artikolu li ġie pubblikat fil-15 ta' Marzu, 2019 fuq is-sit elettroniku theshiftnews.com, li l-konvenut ipprovda link dirett għalih fit-*tweet *tiegħu tal-istess data, tagħmel referenza diretta lis-soċjetà attriċi E&S Consultancy Limited bħala l-kumpannija li wkoll ipprestat is-servizzi għat-twaqqif tal-kumpanniji ta' Marian Kočner f'Malta.*

*Wara kollox, fl-imputazzjoni li s-soċjetà attriċi u l-uffiċjali tagħha stess kellhom rabtiet ma' persuna mixlija bi qtil, nonché l-qtil ta' ġornalista u li kienet involuta fi skema għall-evażjoni tat-taxxa u frodi fit-taxxa, faċilment jiġi ravviżat il-prospett ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-kumpannija. Iżda biex tkun azzjonabbli, l-imputazzjoni allegatament diffamatorja li ssir fil-konfront ta' korp li jopera għal profitt, bħalma bla dubju huwa s-soċjetà attriċi, trid tkun ikkaġunat jew tkun ser tikkawża **telf finanzjarju serju** biex titqies li tikkaġuna ħsara lir-reputazzjoni tal-istess korp.*

*Issa fil-każ in diżamina, is-soċjetà attriċi tikkontendi illi bil-pubblikazzjoni da parti tal-konvenut tal-allegazzjonijiet dwar l-assoċjazzjoni tagħha ma' persuna li hu suspettat b'xejn inqas mill-qtil ta' ġornalista, fi frodi u evażjoni tat-taxxa, hija mhux biss ġiet identifikata, kif diġà stabbilit, iżda sofriet ukoll ħsara konsistenti fil-fatt li wara l-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet, u direttament bħala riżultat ta' dawn l-allegazzjonjiet li saru fil-midja, hija ġiet meqjusa mill-Awtorità ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji bħala persuna li m'hijiex* fit and proper *biex tibqa' tiġi liċenzjata* bħala a company service provider *(fn. 11 CSP licence – Dok. ES2), filwaqt li l-Malta Gaming Authority wkoll iddeċidiet li l-applikazzjonijiet li jsiru magħha mis-soċjetà attriċi u persuni u kumpanniji oħrajn assoċjati magħha, biex tipprovdi servizzi lil kumpanniji li jkollhom liċenżja mingħand il-Malta Gaming Authority, mhux ser jibqgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta'* fitness and propriety.

*Kif rajna, huwa stabbilit mill-provi illi huwa minnu li d-deċiżjonijiet li ttieħdu miż-żewġ awtoritajiet fuq imsemmija, segwew u kienu bbażati fuq il-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet dwar l-assoċjazzjoni bejn is-soċjetà attriċi u d-direttur tagħha Dr. Christian Ellul fuq naħa l-waħda, ma' Marian Kočner li, kif ingħad, kien is-suspettat ewlieni fil-qtil tal-ġornalista Jan Kuciak. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' Dominic Micallef u Dr. Carl Brincat għan-nom tal-Malta Gaming Authority kif ukoll mid-dokumenti ppreżentati minn Petra Camilleri għan-nom tal-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji.*

*Għandu jingħad li l-kriterju li jrid jigi sodisfatt b'mod tassattiv u preordinat għas-suċċess ta' azzjoni ta' libell fil-mertu huwa li l-korp irid ikun sofra minn ħsara **serja** lir-*

*reputazzjoni tiegħu konsistenti f'telf finanzjarju attwali jew prospettiv, li jkun serju. Il-liġi hi ċara li teħtieġ telf finanzjarju li huwa serju u mhux telf finanzjarju kwalunkwe u ghalhekk, m'huwiex suffiċjenti li jintwera biss li jkun ġie soffert xi telf finanzjarju in segwitu għall-pubblikazzjonijiet impunjati. (fn. 12 Fid-dibattiti Parlamentari dwar l-introduzzjoni tad-Defamation Act 2013 fir-Renju Unit, li fuqu jinsab imsejjes fl-intier tiegħu l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, intqal illi "*the use of the phrase 'serious financial loss' makes it absolutely clear that the financial loss required to meet the serious harm test must itself be serious". – *Collins on Defamation, 2014 Ed., per Matthew Collins QC, 7.15, p. 150. Hawnhekk jikkwota lil Lord Hansard fil-House of Lords fit-23 ta' April, 2013).*

*Imputazzjonijiet bħal dawk appena identifikati mill-Qorti indubbjament jitfgħu dell ikrah fuq l-integrità tal-uffiċjali tas-soċjetà attriċi u inevitabbilment ukoll fuq is-soċjetà attriċi nnifisha u huma kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom. Wara kollox, huwa ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attività illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins (fn. 13 6.10 p. 117) imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa* "dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role*", huma kkunsidrati bħala diffamatorji*.

*Fil-każ in diżamina, għalkemm il-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tal-konvenut, fost pubblikazzjonijiet oħrajn, ma setax ma kellhiex impatt negattiv fuq in-negozju tas-soċjetà attriċi b'mod ġenerali, ma nġiebet l-ebda prova li dawn l-istqarrijiet attwalment ikkaġunaw telf finanzjarju serju lill-kumpannija. Għalkemm il-liġi ma teħtieġx prova ta' rabta kawżali diretta bejn dan it-telf u l-imputazzjonijiet diffamatorji, ċertament, bl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi għall-azzjonabbilità tal-allegat malafama, il-Qorti hi tal-fehma li prova tas-serjetà tat-telf finanzjarju jew tal-potenzjal ta' tali telf, hija* sine qua non. *Huwa minnu li d-diretturi tal-kumpanija xehdu li b'effett ta' dawn l-allegazzjonijiet, tilfu xi klijenti filwaqt li kien hemm ukoll impjegat prospettiv li ddeċieda li ma jimpjegax ruħhu mal-kumpannija kif ukoll kumpannija tal-*gaming *li ma nħarġilhiex liċenzja u ma ħallsithomx, iżda għall-Qorti, id-dikjarazzjoni ġenerali li l-kumpannija sofriet telf ta' negozju u klijenti mhux biżżejjed biex tikkostitwixxi l-prova ta' telf finanzjarju serju. Il-Qorti tistenna li din il-prova ssir b'mod konkret permezz ta' dokumenti jew xhieda li juru kif effettivament, klijenti tal-kumpannija iddeċidew li jitilqu jew klijenti prospettivi ma baqgħux interessati li jużaw is-servizzi tagħha u li dan affettwa serjament l-introjtu tal-kumpannija.*

*Madanakollu, fl-istess ħin, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-fatt illi wieħed mill-oġġetti ewlenin tas-soċjetà attriċi huwa sewwasew il-prestazzjoni ta' servizzi lill-kumpanniji* ("to provide management services, directorship services, company secretarial services, registered office services ... and any other specialised and related services to all entities and businesses wherever situated including to provide the service of formation of companies and other entities*") fosthom li tipprovdi servizzi bħala direttur jew segretarju ta' kumpanniji klijenti tagħha, liema servizzi hija ġiet imwaqqfa mill-MFSA kif ukoll mill-Malta Gaming Authority milli tipprovdihom. Il-Qorti fehmet li ġaladarba l-kumpannija ġiet tabilħaqq imwaqqfa milli tipprovdi dawn is-servizzi u illum, b'riżultat dirett tal-imputazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjonijiet impunjati u anke pubblikazzjonijiet preċedenti, ġiet prekluża milli tkompli twettaq l-attivitajiet prinċipali tagħha u tipprovdi dawn is-servizzi lil klienti attivi u prospettivi, ir-riżultat ta' dan ma jista' jkun xejn inqas minn tnaqqis serju fin-negozju tagħha li huwa indubbjament kapaċi jwassal għal telf finanzjarju li huwa serju.*

*Ikkunsidrat;*

*Minn qari tar-Risposta tal-konvenut il-Qorti fehmet li l-konvenut mhux qed jinvoka d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att ċioé d-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, iżda dik taħt l-Artikolu 4(2) tal-Att, ċioé li l-pubblikazzjoni impunjata tirrappreżenta l-opinjoni onesta tiegħu. Din l-eċċezzjoni hija bbażata mhux biss fuq fatt li eżista fiż-żmien li fih tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment (fn. 14 Artikolu 4(2)(ċ)(i) tal-Kap. 579), iżda hija bbażata wkoll espressament u speċifikatament fuq fatt affermat f'pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku* ("id-dikjarazzjoni privileġġjata") *li tkun diġà ngħatat pubbliċità b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira f'medium stabbilit (fn. 15 Artikolu 4(2)(ċ)(ii) u Artikolu 4(4) tal-Kap. 579).*

*Dan qed jingħad għaliex id-dikjarazzjoni privileġġjata li saret referenza għaliha mill-konvenut fir-Risposta tiegħu (fn. 16 Eċċezzjoni 2(ii) m'hijiex dik maħsuba fl-Artikolu 5 tal-Kap. 579 fejn il-konvenut fl-azzjoni jiddefendi l-pubblikazzjoni impunjata per se bħala pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, iżda hija dik maħsuba speċifikatament taħt is-subartikolu (4)(a) tal-Artikolu 4 tal-Att. Dan is-subartikolu jorbot esklussivament mad-difiża taħt l-Artikolu 4(2) - dik tal-opinjoni onesta - li jfisser li d-difiża invokata fil-paragrafu 2(ii) tar-Risposta tal-konvenut m'hijiex difiża ad hoc u distinta mid-difiża tal-opinjoni onesta, iżda hija parti integrali minn din l-istess difiża.*

*Għandu jingħad illi għas-suċċess tad-difiża taħt, inter alia, l-Artikolu 4(2) tal-Att, jeħtieġ li jintwera li l-persuna aggravata hi persuna pubblika skont it-tifsira taħt is-subartikolu (5) tal-istess Artikolu 4. Issa fost id-definizzjonijiet ta' persuna pubblika għall-finijiet tad-difiża tal-opinjoni onesta, l-Att jinkludi persuna li abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa fejn il-fatti attribwiti lilha jirreferu għat-twettiq*

*ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa. Rilevanti fir-rigward huwa wkoll il-fatt illi korp ta' persuni, sew jekk ikollhom personalità ġuridika distinta sew jekk le, huma inklużi fid-definizzjoni ta'* "persuna" *fl-Artikolu 2 tal-Att. Konsegwentement, il-Qorti tqis li korp b'personalità ġuridika distinta bħalma hija s-soċjetà attriċi, li hija soċjetà kummerċjali li għandha bħala l-oġġett tagħha l-prestazzjoni ta' servizzi lil kumpanniji oħrajn, bla dubju jirrientra fid-definizzjoni ta' persuna pubblika għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta. Fil-fatt, l-opinjoni impunjata f'din il-kawża saret b'referenza għall-prestazzjoni ta' dawn l-istess servizzi da parti tas-soċjetà attriċi bl-imputazzjoni li l-prestazzjoni ta' dawn is-servizzi wasslu biex jitwettqu l-attivitajiet u transazzjonijiet finanzjarji illegali li kienu fil-mira tal-investigazzjonijiet ġornalistiċi ta' Jan Kuciak li nqatel possibbilment minħabba dawn l-istess investigazzjonijiet.*

*Għas-suċċess ta' din id-difiża, il-konvenut jeħtieġlu juri wkoll illi l-istqarrija impunjata tikkostitwixxi stqarrija ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt (fn. 17 Artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 579). Fir-rigward, jinsab ritenut illi:-*

"A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopted by the publisher will often be decisive.

...

Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion, **if they are in the nature of deductions of conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated**, where it will be obvious to the reasonable person that the publisher could not have had direct knowledge of the matter stated and must have been expressing a view or inference*" (fn. 18 Collins, 9.12 p. 192) [emfasi tal-Qorti]*

*Il-Qorti tqis li l-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, pubblikati fit-*tweets *tal-konvenut tal-14 ta' Marzu 2019 u l-15 ta' Marzu 2019, m'humiex stqarrijiet ta' fatt iżda jikkostitwixxu dikjarazzjoni tal-konklużjoni jew il-fehma li wasal għaliha l-konvenut abbażi tal-fatti li jinsabu indikati fl-istess* tweets*.*

*Inoltre, għandu jingħad illi mhux meħtieġ li l-konvenut jipprova l-verità sostanzjali ta'* ***kull*** *allegazzjoni ta' fatt li fuqha tinsab imsejsa l-opinjoni u huwa biżżejjed biex jingħata sostenn fattwali suffiċjenti lill-kummenti tal-konvenut. Fir-rigward, Collins jirritjeni illi m'huwiex daqstant rilevanti li jkun sar "*misstate[ment] one of the foundational facts*" jew li l-konvenut ma jkunx għamel referenza ċara fil-pubblikazzjoni għall-fatti* ***kollha*** *li kienu noti lilu (fn. 19 9.29. p. 196): huwa biżżejjed li jkun eżista xi fatt indipendenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni u li persuna onesta setgħet qablet mal-espressjoni tal-fehma tal-konvenut fil-pubblikazzjoni tiegħu (fn. 20 din il-*

*fehma Collins jibbażaha fuq il-premessa li: "*The section 3 defence (l-ekwivalenti tal-Artikolu 4(2) tal-Att) ... liberalizes the law quite radically. It will seemingly be open to defendants, in order to establish the third condition for the operation of the defence, to fish around for facts, or matters asserted to be facts in privileged statements, even if those facts or matters were not known to them at the time they expressed their opinions ..." – Collins On Defamation, supra 9.32 p. 198). ***Għalhekk, il-fatt li l-konklużjoni li wasal għaliha u li esprima fil-pubblikazzjoni tiegħu il-konvenut, tista' ma tkunx korretta, ma jfissirx neċessarjament li d-difiża tal-opinjoni onesta għandha tfalli****.*

*B'referenza għall-ħtiġiet tal-Artikolu 4(2)(b) tal-Att, il-Qorti tqis illi l-bażi tal-opinjoni tal-konvenut li l-uffiċjali tas-soċjetà attriċi kienu involuti ma' Marian Kočner fil-kommissjoni ta' frodi fit-taxxa u l-ħtieġa li tiġi investigata il-konnessjoni Maltija ma' Marian Kočner billi jitwettqu arresti wkoll f'Malta, hija indikata suffiċjentement fil-pubblikazzjonijiet ossia* tweets *tal-14 ta' Marzu, 2019 u tal-15 ta' Marzu, 2019.*

*Dan permezz ta' (i) id-dikjarazzjoni li Jan Kuciak kien qed jinvestiga skema li permezz tagħha Marian Kočner kien qed iwettaq frodi fit-taxxa (ii) id-dikjarazzjoni li Jan Kuciak kien qed jinvestiga din l-iskema ta' frodi; (iii) id-dikjarazzjoni li r-rapport sħiħ dwar din l-iskema ta' frodi ġie pubblikat fuq is-sit elettroniku* theshiftnews.com *(fn. 21 Fit-*tweet *tal-15 ta' Marzu, 2019, il-konvenut ipprovda* link *għall-artikolu pubblikat dakinhar stess fuq is-sit elettroniku* theshiftnews.com *li fih rapport dettaljat dwar l-iskema ta' frodi fit-taxxa tal-VAT li fiha kienu involuti l-kumpanniji Maltin ta' Marian Kočner li twaqqfu mis-soċjetà attriċi E&S Consultancy Limited, skema li kienet qed tiġi investigata minn Jan Kuciak fiż-żmien meta nqatel); (iv) id-dikjarazzjoni li l-Pulizija fl-Islovakja kienet qed tqis din l-investigazzjoni ta' Jan Kuciak bħala mottiv għall-omiċidju tiegħu u fuq kollox, (v) l-indikazzjoni permezz ta'* hyperlink *formanti parti mit-*tweet *tal-14 ta' Marzu 2019, tal-fatt li Marian Kočner ġie arrestat in konnessjoni ma' dan l-omiċidju,* hyperlink *li jwassal lill-qarrej direttament għall-artikolu ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-OCCRP dwar l-arrest tal-istess Marian Kočner għall-omiċidju ta' Jan Kuciak (fn. 22 Għall-Qorti, anki jekk il-qarrej ta' dawn it-*tweets *jagħżel li ma jaqrax il-materjal kollu oġġett tal-*hyperlink, *l-ewwel sentenza tal-*linked content ["OCCRP. BREAKING: Local media are reporting that Marian Kočner, a wealthy Slovak businessman, has been charged in connection with the murders of investigative journalist Jan Kuciak and Martina Kusnirova ...") *tirriżulta mit-*tweet *innifsu u hija biżżejjed biex tipprovdi parti mill-indikazzjoni tal-bażi tal-opinjoni tal-konvenut kif imfissra fit-*tweet *tiegħu li jistenna li jkun hemm arresti f'Malta*].

*Ikkunsidrat;*

*Illi in kwantu għar-rekwiżit ta***l-paragrafu (ċ)(i) tal-Artikolu 4(2) tal-Att***, ċioé li jrid jintwera illi persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata, ġie ritenut fir-rigward illi* ***kwalsiasi fatt rilevanti jista' jiswa għall-fini ta' din il-prova****, basta jintwera wkoll li persuna onesta setgħet kellha l-istess opinjoni impunjata abbażi tal-fatt jew dawk il-fatti invokati mill-konvenut in sostenn tad-dikjarazzjoni tal-opinjoni tiegħu (fn. 23 Din il-fehma Collins jibbażaha fuq il-premessa li: "*The section 3 defence *(l-ekwivalenti tal-Artikolu 4(2) tal-Att)* ... liberalizes the law quite radically. It will seemingly be open to defendants, in order to establish the third condition for the operation of the defence, to fish around for facts, or matters asserted to be facts in privileged statements, even if those facts or matters were not known to them at the time they expressed their opinions ...." – On Defamation, supra 9.32 p. 198)*. Mhux meħtieġ għas-suċċess ta' din id-difiża li jintwera li l-konvenut kien jaf b'dawk il-fatti meta esprima l-opinjoni tiegħu u kif diġà ngħad, mhux meħtieġ lanqas li tiġi ppruvata l-verità ta' kull allegazzjoni ta' fatt li fuqu qed jiġi allegat li l-opinjoni ġiet ibbażata.* ***Lanqas jidher li huwa rilevanti għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta taħt l-Att li wieħed mill-fatti fondamentali tal-istqarrija ġie kwotat ħażin jew li persuni onesti oħrajn setgħu fformulaw opinjonijiet differenti abbażi tal-fatti kollha mistqarra,*** *purché persuna onesta, nonche armata bil-benefiċċju ta' fatti jew informazzjoni addizzjonali, setgħet ġenwinament tesprimi dik il-fehma li hija impunjata mill-persuna aggravata. (fn. 24 Ara spjegazzjoni ta' Collins, 9.28 u 9.29, p. 186)*

***Wara kollox, huwa l-jedd ta' kull individwu li jifforma opinjonijiet u jesprimihom lil ħaddieħor u għandu dritt ukoll jirrejaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod soġġettiv, anke jekk f'dan il-proċess ikun wasal għal konklużjonijiet mhux korretti:*** *"*the right to make honest but derogatory expressions of opinions on such matters was and is an important safeguard for freedom of expression*". (fn. 25* ***Joseph v. Spiller,*** *Lord Phillips, 2010, UKSC, 53 (2011) A.C. 852)*

*Minn din il-perspettiva jidher illi d-difiża tal-opinjoni onesta taħt l-Att hija ferm iktar liberali u flessibbli mid-difiża tal-kumment ġust li kien disponibbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XI tal-2018: liberalizzazzjoni li hi konsistenti ma' applikazzjoni iktar vantaġġuża ta' difiża li hija maħsuba biex tkompli tippromowovi u ssaħħaħ l-interess pubbliku fil-libertà tal-espressjoni.*

*Il-konvenut invoka wkoll id-dispożizzjonijiet ta***l-Artikolu 4(2)(ċ)(ii) u tal-Artikolu 4(4)(a) tal-Att*** *in sostenn tad-difiża tal-opinjoni onesta, ċioé illi persuna onesta setgħet kellha l-istess opinjoni* ***abbażi ta' kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment****.*

*Hawnhekk il-konvenut jeħtieġlu jipprova li huwa fformula l-fehma tiegħu u ppubblika l-opinjoni impunjata abbażi ta' fatt li kien qara jew sema' f'xi pubblikazzjoni fuq materja ta' interess pubbliku pubblikata f'medium stabbilit u li persuna onesta setgħet tesprimi l-istess opinjoni tiegħu kieku tkun a konoxxenza ta' dan il-fatt. Kif rajna, il-konvenut mhux qed jinvoka d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att fejn allura, kien ikollu jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni impunjata, irid ikun in toto jew in parti dwar materja ta' interess pubbliku. Għalhekk, għall-finijiet tar-rekwiżit tal-paragrafu (ċ)(ii) tal-Artikolu 4(2), m'hijiex l-istqarrija impunjata li trid tkun dwar materja ta' interess pubbliku iżda hija dik il-pubblikazzjoni li l-konvenut jikkontendi li fiha jkun ġie affermat fatt jew fatti li abbażi tagħhom persuna onesta setgħet tikkondividi l-opinjoni impunjata, li trid tittratta dwar materja ta' interess pubbliku.*

*Ikkunsidrat;*
*Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ressaq prova konkreta li d-dikjarazzjoni tal-opinjoni tiegħu hija bbażata fuq għadd ta' fatti li eżistew fiż-żmien tal-pubblikazzjonijiet u li għandhom bażi fattwali sostantiva, fosthom: il-fatt li d-diretturi tas-soċjetà attriċi huma avukat u accountant u aġixxew għal numru ta' snin bħala diretturi u company secretary rispettivament fiż-żewġ kumpanniji Maltin li huma waqqfu f'Malta għal Marian Kočner; il-fatt li, kif ammess mis-soċjetà attriċi nnifisha, hija kellha sehem f'waħda minn dawn il-kumpanniji; il-fatt li Dr. Christian Ellul kien iżżewweġ lit-tifla ta' Marian Kočner ftit taż-żmien wara l-inkorporazzjoni tal-kumpanniji Maltin; il-fatt li Jan Kuciak kien qed jinvestiga skema ta' frodi fit-taxxa tal-VAT kommess bl-involviment attiv taż-żewġ kumpanniji Maltin ta' Marian Kočner, fost kumpanniji oħrajn, fiż-żmien meta s-soċjetà attriċi u l-uffiċjali tagħha kienu jmexxu u jew jipprestaw servizzi lil dawn iż-żewġ kumpanniji; il-fatt li Jan Kuciak ġie maqtul; il- fatt li l-Pulizija fl-Islovakja kienet qed tikkunsidra l-investigazzjoni ġornalistika ta' Jan Kuciak fl-iskema ta' frodi kommess bl-involviment tal-kumpanniji Maltin ta' Kočner, bħala mottiv għall-omiċidju tiegħu; il-fatt li Marian Kočner ġie mixli bil-qtil ta' Jan Kuciak; u diversi fatti oħrajn li jirriżultaw mill-investigazzjonijiet ġornalistiċi kondotti minn Jan Kuciak b'rabta mal-attivitajiet illegali ta' Marian Kočner tramite skema ta' kumpanniji fosthom il-kumpanniji Maltin ta' Kočner imwaqqfin mis-soċjetà attriċi E&S Consultancy Limited u d-diretturi tagħha - fatti li ma ġewx kontestati jew miċħuda mill-attur.*

*Il-Qorti hija wkoll sodisfatta li l-konvenut irnexxielu jipprova abbundantement illi d-dikjarazzjoni tal-opinjoni tiegħu hija bbażata wkoll fuq fatti affermati bħala tali f'dikjarazzjonijiet privileġġjati pubblikati qabel id-dikjarazzjoni impunjata. Dawn id-dikjarazzjonijiet privileġġjati jikkonsistu:*

*i. in kwantu għat-*tweet *tal-15 ta' Marzu 2019, fil-pubblikazzjoni tal-15 ta' Marzu 2019 fuq il-ġurnal elettroniku* theshiftnews.com *ta' artikolu dettaljat fejn ġew*

*elenkati l-fatti saljenti dwar il-konnessjoni u l-involviment tas-soċjetà attriċi mal-kumpanniji Maltin ta' Marian Kočner, u dettalji dwar it-transazzjonijiet kontroversjali ta' miljuni ta' euro li kienu qed jiġu investigati minn Jan Kuciak, u fejn ġie ċitat bħala fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija Slovak Tibor Gaspar waqt konferenza televiżiva, iddikjara li l-qtil tal-ġornalist kien x'aktarx marbut max-xogħol investigattiv tiegħu, u*

*ii. fil-pubblikazzjoni tal-investigazzjonijiet ġornalistiċi ta' Jan Kuciak fuq is-sit elettroniku tal-ġurnal Aktuality.sk, li huwa online news portal u bħala tali huwa mhux biss medium stabbilit iżda wkoll medium aċċessibbli faċilment minn udjenza indefinita.*

*Għall-Qorti, dawn il-pubblikazzjonijiet ilkoll jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 4(4)(a) tal-Att biex jitqiesu bħala dikjarazzjonijiet privileġġjati li fihom ġew affermati l-fatti li abbażi tagħhom il-konvenut għamel id-dikjarazzjonijiet impunjati mill-attur. Pubblikazzjonijiet li bla dubju, mhux biss diġà ngħataw pubbliċità b'mod aċċessibbli għal udjenza f'medium stabbilit iżda huma wkoll dwar materja ta' interess pubbliku.*

*Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:-*

"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; **cheating**, corruption ... **involvement in serious crimes; corporate malpractice**; ..." *(fn. 26 Supra, 15.6, p. 645, 646) (emfasi tal-Qorti)*

*Inqtal ukoll li materja tkun ta' interess pubbliku:* "if it was 'such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others." *(fn. 27 Collins, supra, 9.86, p. 213)*

*Il-Qorti tqis li s-serje ta' pubblikazzjonijiet fuq is-sit elettroniku Aktuality.sk tal-investigazzjonijiet intensivi li kien qed iwettaq il-ġornalista Jan Kuciak b'rabta mal-frodi fit-taxxa imwettaq minn Marian Kočner permezz ta' skema ta' kumpanniji - fosthom u b'mod ewlieni l-kumpanniji Maltin li kienu involuti fihom is-soċjetà attriċi u l-uffiċjali tagħha – jistgħu faċilment jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku.*

*In kwantu għall-fatti dikjarati fil-pubblikazzjoni fuq theshiftnews.com fil-15 ta' Marzu 2019, bla dubju, dan ir-rapportaġġ, li fih sintesi tal-iskema tal-frodi fit-taxxa tal-VAT li kien qed jitwettaq bl-involviment tal-kumpanniji Maltin ta' Marian Kočner, ukoll huwa bla dubju dwar materja ta' interess pubbliku. Speċifikatament, ir-referenza għad-dikjarazzjoni uffiċjali li l-mottiv wara l-qtil tal-ġornalista kien marbut max-xogħol*

*ġornalistiku investigattiv tiegħu, ma tistax ma titqiesx li hija materja ta' interess pubbliku speċjalment meta l-arrest u l-prosekuzzjoni ta' Kočner seħħew ftit xhur biss wara l-arrest u prosekuzzjoni ta' persuna oħra b'rabta mal-qtil tal-ġornalista Daphne Caruana Galizia liema qtil ukoll qed jintrabat max-xogħol ġornalistiku investigattiv li kienet qed twettaq.*

*Il-Qorti tqis li l-qtil ta' ġornalist,* multo magis *meta l-qtil huwa possibbilment marbut ma' xogħlu, jikkostitwixxi attakk manifest fuq il-libertà tal-espressjoni u għalhekk, ir-rapportaġġ dwar kull materja konnessa ma' attakki fuq dan il-jedd fondamentali tal-bniedem, ma jistax jitqies bħala xejn inqas minn pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku kif ukoll pubblikazzjoni li saret fl-interess pubbliku.*

*Ikkunsidrat;*

*Minn eżami tal-fatti pubblikati fl-imsemmija dikjarazzjonijiet privileġġjati, ċioé l-artikolu ppubblikat fuq theshiftnews.com fil-15 ta' Marzu, 2019 u mis-serje ta' artikoli ppubblikati minn Jan Kuciak dwar l-investigazzjonijiet ġornalistiċi tiegħu fuq l-online news portal Slovakk, Aktuality.sk (fn. 28 Dawn l-artikoli ġew tradotti b'mod uffiċjali għal-lingwa Ingliża għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri u esebiti fl-atti), jirriżulta b'mod inkonfutabbli li Marian Kočner kien fil-mira ta' investigazzjoni attiva u kumplessa ġornalistika da parti ta' Jan Kuciak fix-xhur u snin qabel ġie maqtul. Dawn l-investigazzjonijiet kienu fokati fuq l-involviment ta' Kočner fi skema ta' frodi tat-taxxa tal-VAT permezz ta' trasferimenti ta' proprjetà u transazzjonijiet finanzjarji oħrajn bejn diversi kumpanniji reġistrati f'ġurisdizzjonijiet varji, li kellu involviment fihom l-istess Kočner. Fost dawn il- kumpanniji nsibu ż-żewġ kumpanniji International Finance Group Limited (IIFG) u International Investments Holdings Limited (IIHL) li twaqqfu ġewwa Malta minn Kočner bl-użu tas-servizzi ta' E&S Consultancy Limited li pprovdiet servizz ta' uffiċċju reġistrat (fn. 29 ara dokument a folio 107), u bl-involviment u parteċipazzjoni bħala direttur u rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-avukat Cristian Ellul (fn. 30 ara dokument a folio 102 u* tergo*) li eventwalment iżżewweġ lil bint Marian Kočner (fn. 31 illum divorzjati). Jirriżulta wkoll mid-dokumenti prodotti fl-atti, il-parteċipazzjoni ta' Karl Schranz, direttur ta' E&S Consultancy Limited, bħala company secretary ta' IIFG. Jirriżulta wkoll li E&S Consultancy Limited kellha "B share" waħda fis-soċjetà IIHL.*

*Jirriżulta li Jan Kuciak kien qiegħed jinvestiga b'mod profond u metikoluż mhux biss l-attivitajiet suspettużi ta' Kočner b'rabta mal-frodi fit-taxxa għad-detriment tal-Istat Slovak, iżda wkoll ir-raġuni għaliex l-investigazzjoni u prosekuzzjoni tiegħu twaqqfu ħesrem fuq ordni ta' ċertu investigatur bl-isem Stefan Jombik li, skont Kuciak, kellu rabtiet ma' Kočner (fn. 32 "*Elite police officers were attempting to prove that the businessman, whose name appears on the 'Slovak mafia lists', cost the State millions

of euros. However, they were prevented from doing so by an investigator who is dealing with all known cases involving Kočner" – Dok.D2 – artikolu tas-26.6.2017). *Kuciak, fl-artikoli tiegħu, analizza fid-dettall it-trasferimenti multipli ta' proprjetà immobiljarja fejn il-proprjetà tkun tidher li temporanjament għaddiet lil terzi, fosthom il-kumpanniji Maltin kontrollati minn Christian Ellul, mentri fil-fatt din il-proprjetà tkun baqgħet taħt il-kontroll effettiv ta' Kočner. Jirrapporta wkoll il-ħlas ta' miljuni ta' Euro f'rifużjonijiet ta' taxxa fil-kontijiet bankarji tal-fergħa Slovakka tal-kumpannija IIHL mit-trasferimenti tal-lukandi f'Donovaly (fn. 33 vide Dok. E2), kif ukoll serje ta' trasferimenti ta' miljuni ta' Euro mill-istess kumpanniji Maltin imwaqqfin minn Christian Ellul, lil Marian Kočner jew kumpanniji oħrajn tiegħu (fn. 34 Inkansy servis). Jan Kuciak irrapporta li l-kumpannija IIHL kienet waħda mill-iktar kumpanniji sinjifikanti fl-istruttura kollha involuta fit-transazzjonijiet kontroversjali li jinvolvu lil Marian Kočner: "*one of the most significant companies in the case.*" (fn. 35 Dok. F2)*

*In effetti, mill-artikoli pubblikati minn Jan Kuciak, huwa minnufih evidenti li l-kumpannija IIHL kienet attiva ferm u ħolqa importanti fl-istruttura ta' kumpanniji "mailbox" li kienu involuti fit-trasferimenti kontroversjali tal-proprjetà tal-lukandi u t-transazzjonijiet relattivi, tant kontroversjali li kienu qed jiġi investigati mill-Pulizija tan-National Financial Crime Unit ġewwa Slovakja.*

*L-investigazzjonijiet ta' Kuciak, rapportati f'dan is-serje ta' artikoli, iffokaw b'mod speċifiku fuq il-bejgħ ta' żewġ lukandi f'Donovaly fl-Islovakja, minn kumpannija ta' Kočner (Welten) lill-kumpannija Maltija IIHL bil-prezz ta' 25 miljun Euro, u fuq it-trasferiment ta' dawn l-istess lukandi minn IIHL wara li kien għadda inqas minn xahar, lil kumpanniji sussidjarji ta' IIHL għal prezz ta' 100,000 Euro biss. Ġie rapportat kif din l-iskema kienet tiġi imħaddma permezz ta' struttura korporattiva kumplessa - li fil-bażi tagħha tinsab il-kumpannija IIHL - li kienet qed tiġi investigata fuq il-premessa li tħaddmet bl-iskop li jiġi eluż il-ħlas tat-taxxa tal-VAT, bir-riżultat li l-Istat Slovak tilef €8 miljun f'taxxi liema ammont spiċċa fil-kontijet bankarji ta' Kočner.*

"Thanks to the speculative real estate transfers through British, Maltese and Caribbean letterbox companies, firms close to Kočner obtained tax refunds totalling €4 million. ... Transfers of Kočner's two hotels in Donovaly, the last of which took place in March 2012, can only be described as strange. A Maltese company close to Kočner, International Investments Holdings Limited (IIHL), bought them from him and then sold them onto two subsidiaries.

The firms officially paid their parent company the purchase price with tax only in the form of a promissory note – and subsequently claimed back VAT from the State.

...

However, the seller (IIHL) had not paid the State the full amount of tax, which was around €4 million – but only €30,000.

How and why? In March 2012, IIHL – a company close to Kočner – reduced its tax liability by purchasing real estate and paying VAT in the same month. According to details given in a police finding, it bought a golf course in the village of Bac." (*fn. 36 dok. C2 – Ukoll: "*The facts are: As early as 2011, several loan agreements were concluded: on the basis of these, IIHL's €4 million VAT refund was transferred to accounts held by Marian Kočner and his companies ... The police findings state directly: "On 18 April, 2011 the amount of €1,700,000 was transferred to the Inksasny Servis account, on the basis of a loan agreement dated 18 April, 2011 and concluded between IIHL as lender and Inkasny Servis as borrower. On 18 April, 2011, a non-cash transfer in the amount of €2,300,000 was paid into Marian Kočner's account" – Dok. E2 fol. 208)

*Ukoll:-*

"Technically, this is true: €8 million went from the tax authorities into the accounts of companies whose owners were unknown. However, at the end of the chain was an investment company, International Investment Holdings Limited, registered in Malta under merely formal ownership." (*fn. 37 Dok. F2 – artikolu tal-11.7.2017)*

"The current owner of the Bac golf course is a company that is now called International Finance Group Slovakia: Kočner, with others, originally founded this company as Gamatex Plus – and is now its managing director.

...

Officially, the majority owner of the company is International Finance Group Limited, which is registered in Malta.

However according to the Malta Business Registry, this company is run by Kočner alongside Christian Ellul – a lawyer who is his daughter's ex-husband.

The majority shareholder in the Maltese firm is Midas Investments Ltd, registered in the Caribbean archipelago of St. Kitts and Nevis, a company that has appeared several times in cases related to Kočner." (*fn. 38 Dok. C2 ppubblikat oriġinarjament 22.6.2017)*

*Dawn l-artikoli jirrapportaw ukoll li n-National Criminal Agency tal-Islovakja kienet qed tinvestiga lil Kočner dwar dawn it-trasferimenti tal-proprjetà minħabba s-suspett tal-Pulizija li t-transazzjonijiet multipli li saru bejn kumpanniji ta' Kočner f'ġurisdizzjonijiet differenti* ("letterbox companies")*, fosthom dawk Maltin imwaqqfin*

*u mmexxija mid-diretturi tas-soċjetà attriċi - kienu fażulli għaliex l-istess Kočner kien għadu effettivament jikkontrolla l-lukandi li kien biegħ.*

"Police officers from the National Finance Unit suspected that Marian Kočner's sale of his hotels in Donovaly was mere pretence – and that in fact he still controlled them.

They were working on the assumption that the businessman was trying to divert millons of euros from the State in the form of excessive VAT deductions, and they managed to gather a certain amount of information in their attempt to prove this.

...

These details which led to the State losing €8 million, took place in 2010 and 2012. Yet in April last year, Kočner indirectly admitted that he still controls at least one of the hotels in Donovaly." (*fn. 39 Dok. D2 – artikolu tas-26.6.2017)*

*Huwa evidenti li Jan Kuciak kien qed jinvestiga l-kompliċità bejn Kočner u l- kumpanniji Maltin u speċifikatament Christian Ellul, li ssemma diversi drabi fl-artikoli ta' Kuciak. F'artikolu ppubblikat minn Jan Kuciak fil-5 ta' Diċembru 2017, ġie rapportat speċifikatament illi:-*

"Millions from the state budget were also received by companies founded in Malta by Christian Ellul. He later became Kočner's son-in-law. A substantial part of VAT refunds ended up in the accounts of Marian Kočner and his companies, in the form of loans." (*fn. 40 fol. 262)*

*Il-konnessjoni ma' Malta tissemma diversi drabi fir-rapporti ta' Jan Kuciak u jirriżulta li Jan Kuciak kien bagħat serje ta' domandi lil Christian Ellul fir-rigward tat-trasferimenti tal-proprjetajiet bejn il-kumpanniji Maltin u oħrajn li kellhom konnessjoni ma' Kočner, iżda baqa' mingħajr risposta.*

"The point of this was that the owner's name would change only on paper – meaning that the hotels would, temporarily, be held in someone else's name – while Kočner would continue to be the real owner. For example, ownership would be transferred to companies controlled by Kočner's long-time acquaintance, Jana Slachtova, or his future son-in-law Christian Ellul, from Malta." *(fn. 41 Artikolu ppubblikat 29.6.2017, Dok. E2)*

*Ukoll:-*

"In fact, Kočner's daughter and Ellul had met several years earlier. Ellul had also been to Slovakia several times, and Kočner admitted in 2011 that he knew him." (*fn. 42 Dok. D2)*

*Ukoll:-*

"The facts are: In 2009, in an interview with the magazine Info Donovaly, Kočner himself admitted that he knew Ellul and that his business in Donovaly appealed to his future son-in-law: 'It looks that she (his daughter Karolina) will stay in Malta, because she has found a boyfriend there. And I must say that he is very actively interested in what her father is doing at Donovaly: I think the time is coming when we will start having guests from Malta at Donovaly.'" (fn. 43 *Dok. E2. Artikolu ppubblikat fid-29.6.2017)*

*Ikkunsidrat;*

*Dak li għandu jiġi determinat mill-Qorti huwa jekk abbażi ta' dawn il-fatti kollha, l-opinjoni tal-konvenut illi l-uffiċjali tas-soċjetà attriċi kienu involuti fit-twaqqif u jew fl-amministrazzjoni tal-kumpanniji ta' Marian Kočner f'Malta u kienu involuti fi skema kumplessa ta' allegat frodi u evażjoni ta' taxxa li kienet qed tiġi investigata minn Jan Kuciak, u l-opinjoni tiegħu li, fil-kuntest tal-prosekuzzjoni ta' Marian Kočner għall-omiċidju tal-istess Jan Kuciak, għandhom jitwettqu arresti wkoll f'Malta, hijiex waħda li persuna onesta setgħet tesprimi abbażi tal-kumpless ta' fatti kollha fuq elenkati.*

*Kif stabbilit, il-fehmiet tal-konvenut, impunjati f'din il-kawża, huma bbażati fuq abbundanza ta' fatti li eżistew fiż-żmien tal-pubblikazzjoni kif ukoll fuq il-fatti affermati bħala tali fid-dikjarazzjonijiet privileġġjati fuq imsemmija, liema fatti ġew elenkati fid-dettall iktar qabel. Wara li rat l-atti u l-provi kollha u wara li kkunsidrat ir-retroxena tat-trasferimenti multipliċi u kontroversjali li kienu jinvolvu miljuni ta' Euro u li fihom il-kumpanniji imwaqqfin minn Christian Ellul bl-involviment ta' Karl Schranz u tas-soċjetà attriċi, ċioé IIHL u IFGL, kienu ħolqa importanti u kellhom rwol essenzjali fit-transazzjonijiet li kienu qed jiġu investigati intensivament minn Jan Kuciak fl-Islovakja u meqjus ukoll il-fatt illi sena wara l-qtil ta' dan il-ġornalist, minnufih qabel il-pubblikazzjoni tat-*tweets *impunjati, Marian Kočner ġie arrestat u mixli b'dan il-qtil, filwaqt li ġie pubblikat f'*theshiftnews.com *li l-Pulizija fl-Islovakja kienet qed tikkunsidra li x-xogħol investigattiv tal-ġornalista Jan Kuciak bħala mottiv rejalistiku wara dan il-qtil, il-Qorti tqis illi abbażi ta' dawn il-fatti kollha* ***persuna onesta setgħet faċilment, leġittimament u onestament issawwar l-opinjonijiet li esprima l-konvenut.***

*Ikkunsidrat;*

*B'referenza għal diversi sottomissjonijiet li saru fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi, il-Qorti trid tissenjala li meta tkun qiegħda tistħarreġ il-validità o meno ta' difiża ta' opinjoni onesta, il-Qorti m'għandiex tindaga u tistabbilixxi x'inhija l-verità jew x'għandha tkun l-opinjoni onesta korretta li kellha tiġi formulata abbażi tal-fatti rilevanti minflok dik espressa mill-pubblikatur. Wisq inqas huwa rilevanti l-fatt li*

*m'hemmx prova li xi ħadd oltre għall-pubblikatur, wasal għall-istess konklużjoni jew esprima l-istess fehma bħal dik impunjata.*

*Per eżempju, il-fatt li l-uffiċjali tas-soċjetà attriċi jew is-soċjetà attriċi nnifisha, E&S Consultancy Limited, qatt ma tħallsu l-ebda* dividend *jew ħadu xi tip ta' profitt mill-kumpanniji ta' Marian Kočner, mhuwiex rilevanti għad-determinazzjoni dwar jekk il-konvenut esprimiex opinjoni onesta, apparti li ma jidhirx li dan huwa fatt li abbażi tiegħu l-konvenut iddikjara l-opinjoni tiegħu fil-pubblikazzjonijiet in diżamina.*

*L-istess jgħodd għar-raġuni għaliex iż-żewġ kumpanniji li ġew imwaqqfa bl-involviment ta' E&S Consultancy Limited u l-uffiċjali tagħha: din m'hijiex rilevanti ġaladarba ġie stabbilit li l-kumpanniji IIHL u IFGL kienu effettivament involuti b'mod attiv fl-iskema suspettuża li kienet qed tiġi investigata minn Jan Kuciak kif ukoll mill-Pulizija fl-Islovakja in konnessjoni ma' frodi fit-taxxa tal-VAT. Għalkemm huwa minnu illi l-kumpannija IIHL ġiet xolta u ma għadhiex teżisti llum, dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-fatt illi huwa ppruvat li fiż-żmien meta kienet teżisti, kienet involuta attivament, flimkien mal-kumpannija IFGL, mhux biss ma' Marian Kočner iżda wkoll f'diversi transazzjonijiet suspettużi ta' miljuni ta' Euro, liema transazzjonijiet kienu qed jiġu investigati mill-Pulizija fl-iSlovakja u minn Jan Kuciak bħala parti minn skema għall-evażjoni tat-taxxa operata minn Kočner.*

*Kwantu għall-oġġezzjoni tas-soċjeta attriċi għall-użu mill-konvenut tal-kelma* "engineered"*, il-Qorti tqis li din hija infondata. Anke kieku stess dik il-kelma fiha nnifisha tista' twassal l-implikazzjoni li kienu l-uffiċjali tagħha li sawwru l-iskema biex jiġi kommess il-frodi fit-taxxa imsemmi fil-pubblikazzjonijiet impunjati, huwa risaput illi biex jiġi determinat jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzjoni diffamatorja, din għandha tinqara u tinftiehem fl-assjem tagħha u mhux b'mod spezzettat b'emfasi fuq kelma waħda minflok oħra fejn din ma tkunx ingħatat xi prominenza fil-pubblikazzjoni nnifisha. Fil-każ in diżamina, hu ovvju li l-emfasi li sar mill-konvenut fit-*tweets *tiegħu hija fuq l-involviment tal-uffiċjali tas-soċjetà attriċi ma' Marian Kočner f'din l-iskema, anzicché fuq il-persuna li ħarġet bil-kunċett tal-iskema u min kien l-iktar involut attivament fit-tħaddim tagħha.*

*F'kull każ, il-Qorti tqis illi mill-artikoli pubblikati minn Jan Kuciak, huwa evidenti l-involviment attiv tal-kumpanniji Maltin IFGL u IIHL fl-iskema li allegatament intużat biex jitwettaq il-frodi fit-taxxa li kien qed jiġi investigat minn Jan Kuciak, u dan irrispettivament mill-użu tal-kelma* "engineered"*: kelma li fl-aħħar mill-aħħar ma twassal l-ebda imputazzjoni li m'hijiex ibbażata fis-sostanza fil-fatti rapportati minn Jan Kuciak fuq is-sit Aktuality.sk.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà attriċi tallega wkoll li l-konvenut ippubblika t-*tweets *impunjati biex jaggravaha u biex jagħmilha l-ħsara billi joħloq konnessjoni kriminali bejnha u bejn il-qtil ta' ġornalist ġewwa l-Islovakja. Tissottometti li dan kollu kif ukoll il-fatt li l-pubblikazzjonijiet saru fuq il-kont personali tal-konvenut fuq Twitter, għandu jxejjen l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta.*

*Gatley (fn. 44 On Libel and Slander, 2013, 12.1, p. 424) jgħid hekk in propositu tal-prova li tista' twaqqa' l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta: -*

"There are matters on which the public has a legitimate interest or with which it is legimitately concerned, and on such matters it is desirable that any person should be able to comment freely, and even harshly, **so long as he does so honestly and without malice**. (The malice which rebuts the defence does not mean ill-will or spite, but rather lack of belief in the opinion expressed – footnote 6)" (*fn. 45 ara speċifikament id-deċiżjoni fil-każ* ***Tse Wai Chun v. Chang,*** *Lord Nicholls, (2000) HKCFA 86 EMLR 31)*. (emfasi tal-Qorti)

*Il-prova li l-istqarrija impunjata hija motivata b'malizzja u kwindi l-prova li l- istqarrija ma tirrappreżentax l-opinjoni ġenwina tal-konvenut, tispetta lill-persuna aggravata.*

*Minn din il-perspettiva, l-essenza tal-malizzja li tista' twaqqa' d-difiża tal-opinjoni onesta hija fondamentalment differenti minn dik il-malizzja li hija rilevanti biex twaqqa' difiża invokata taħt l-Artikolu 5 tal-Att: id-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku. Għalhekk, il-Qorti ma tistax taqbel mas-soċjetà attriċi meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tissottometti li l-konvenut meta poġġa l-mistoqsija "*Will there be arrests in Malta too*?", aġixxa b'malizzja u bl-iskop li jagħmlilha l-ħsara, għaliex dak li kellu jiġi ppruvat hu li l-konvenut mhux veru jemmen f'dak li esprima u aġixxa b'mod diżonest: prova li fil-prattika tista' tippreżenta diffikoltajiet sostanzjali.*

*In tema ġie ritenut b'awtorità: "*A comment which falls within the objective limits of the defence of fair comment can lose its immunity only by proof that the defendant did not genuinly hold the view he expressed. Honesty of belief is the touchstone. Actuation by spite, animosity, intent to injure, intent to arouse controversy or other motivation, whatever it may be, even if it is the dominant or sole motive, does not of itself defeat the defence. However, proof of such motivation may be evidence, sometimes compelling evidence, from which lack of genuine belief in the view expressed may be inferred*." (fn. 46 Vide* ***Tse Wai Chun v. Cheng – supra)***

*Din il-prova ġeneralment issir billi jintwera li l-pubblikatur naqas b'mod deliberat milli jsemmi fatti jew provi skolpanti noti lilu jew billi jintwera li bħala fatt, ma kien hemm l-ebda bażi fattwali għall-kumment.*

*Iżda f'dan il-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova fl-atti li turi illi l-konvenut aġixxa speċifikatament biex iqajjem kontroversja jew biex jagħmel ħsara lis-soċjetà attriċi jew lill-uffiċjali tagħha, wisq inqas xi prova li huwa naqas xjentement milli jsemmi xi fatt eżistenti dak iż-żmien li kieku ssemma, kien ikun kapaċi jimmina l-kummenti tiegħu stess jew iġibhom fix-xejn u dan tal-aħħar ma ġie allegat imkien mis-soċjetà attriċi la matul is-smigħ tal-provi u lanqas fis-sottomissjonijiet finali tagħha.*
*Għaldaqstant, il-pubblikazzjonijiet impunjati ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji għaliex l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta, sollevata mill-konvenut, hija mistħoqqa u għandha tiġi milqugħa.*

*Dan ifisser li mhux meħtieġ li jiġi mistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjoni enumerata 2(iii) fir-Risposta tal-konvenut filwaqt li l-Qorti tqis li l-eċċezzjoni 1(b), tikkonsisti f'kumment jew sottomissjoni anzicché eċċezzjoni li tista' sservi biex tiddetermina l-azzjoni attriċi.*

***Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni 1(b) u l-eċċezzjoni 1(ċ) fir-Risposta tal-konvenut u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni 2(iii), qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta taħt il-paragrafi 2(i) u 2(ii) fir-Risposta tal-konvenut u konsegwentement tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi E&S Consultancy Limited bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess soċjetà attriċi."***

## L-Appell

13. Is-soċjetà rikorrenti ħassitha aggravata bis-sentenza appellata, u intavolat appell minnha fis-26 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat u minflok tilqa' t-talbiet tagħha bl-ispejjeż kontra l-appellat. Is-soċjetà appellanta spjegat li din il-Qorti tat-tieni grad bħala Qorti ta' reviżjoni tista' tagħmel reviżjoni meta jiġi muri li l-Ewwel Qorti ma tkunx għamlet apprezzament korrett u adegwat tal-fatti ppreżentati in atti, jew fejn jiġi muri li l-poter diskrezzjonali huwa nieqes għal kollox minn raġuni, jew meta l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti tirriżulta illoġika. Qalet li ħarsa lejn is-sentenza appellata turi li l-Ewwel Qorti ssorvolat numru ta' riżultanzi fattwali u aspetti ġuridiċi li huma parti integrali mill-

elementi tad-difiża tal-opinjoni onesta mressqa mill-appellat, iżda ma attribwiet l-ebda rilevanza lill-provi mressqa mill-appellanti, li l-appellanti jgħidu li anzi ġew skartati għal kollox. L-appellanta qalet li għalhekk fil-każ odjern kien hemm evalwazzjoni skorretta tal-provi, u kien hemm prinċipji ġuridiċi li ġew imħaddma erronjament.

14. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti użat il-kejl li l-opinjoni espressa mill-appellat kienet ġusta għalih, u kien hemm interess pubbliku għaliex ġurnali oħrajn u artikoli oħrajn kienu kkummentaw u rrappurtaw dwar allegazzjoni ta' frodi ta' taxxa magħmula minn Marian Kočner, u li huwa hawnhekk fejn jiskatta l-interess pubbliku. Qalet li t-tieni kejl li tuża l-Ewwel Qorti huwa li qegħda tikkonsidra lis-soċjetà appellanta bħala persuna pubblika. L-appellanta qalet li biex id-difiża tal-opinjoni onesta tkun ta' suċċes, din trid tkun imsejsa fuq bażi sostenibbli u tirrivolvi ma' fatti u/jew informazzjoni li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni li abbażi ta' liema l-istess ġurnalista seta', u jrid jiġi ppruvat li ġenwinament wasal għall-opinjoni.

15. Is-soċjetà appellanta, fl-ewwel aggravju tagħha tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi miġjuba quddiemha. Qalet li t-*tweets* mill-appellat saru fuq pjattaforma miftuħa għall-aħħar, b'aċċess inkontrollat u mingħajr limitu għal ħafna nies, mhux biss lokali iżda wkoll internazzjonali, fejn għalhekk il-ħsara għar-reputazzjoni tas-soċjetà appellanta hija mingħajr limitu ta' *readership.* Qalet li dawn it-*tweets* saru mill-appellat wara l-qtil fis-Slovakkja tal-ġurnalist Jan Kuciak u t-tfajla tiegħu, u fl-isfond tal-fatt li Marian Kočner tressaq akkużat bil-qtil tal-ġurnalist u t-tfajla tiegħu, wara li ġie stabbilit li Kuciak kien qiegħed jinvestiga intralċi ta' frodi u skemi ta' taxxa li skontu, fis-Slovakkja

huma illegali. L-appellanta qalet li meta l-appellat ippubblika t-*tweets* tiegħu, dan ried jgħaqqad l-arrest ta’ Kočner fis-Slovakkja ma’ dak li huwa jgħid dwar id-diriġenti tas-soċjetà appellanta. Qalet li fit-*tweets,* li fil-fehma tagħha huma diffamatorji, l-appellat jitlob għall-arrest tad-diriġenti tas-soċjetà appellanta, u dan fl-istess nifs li jsemmi lil Jan Kuciak, il-ġurnalist maqtul, u l-appellat rrimarka ukoll li d-diriġenti tas-soċjetà appellanta huma parti mill-moħħ wara l-iskema ta’ frodi fit-taxxa li kienet qegħda tiġi investigata mill-ġurnalist maqtul. L-appellanta qalet li hija ssib dan kollu diffamatorju fil-konfront tagħha, li dan hu tiġbid tal-fatti u biċċiet separati ta’ informazzjoni fil-gazzetti u f’mezzi tax-xandir oħra b’ċertu malizzja, sabiex jinħoloq sensazzjonaliżmu u jwassal għall-konklużjoni li ried l-appellat. Kompliet tgħid li l-appellat ried juri li Malta hija maħmuġa billi rrenda lid-diriġenti tagħha bħala parti integrali minn skema ta’ frodi fis-Slovakkja, u dan sabiex iħammeġ u jtappan ir-reputazzjoni tagħha.

16. L-appellanta qalet li dan ir-rappurtaġġ wassal biex hija għadha ssofri konsegwenzi għaliex l-awtoritajiet regolatorji, fl-eżerċizzju tad-*due diligence* tagħhom, użaw dan ir-rappurtaġġ sabiex jirrifjutaw u jirtiraw liċenzji tas-soċjetà appellanta. Qalet ukoll li huwa proprju għalhekk li filwaqt li jrid jinħoloq bilanċ bejn opinjoni onesta li l-pubbliku għandu dritt ikun mgħarraf biha, trid tingħata protezzjoni lil min fil-konfront tiegħu titqanqal dik l-opinjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li hija għandha tingħata protezzjoni mill-Qrati tagħna minn stqarrijiet bla bażi li jinċidu fuq ir-reputazzjoni tagħha. Qalet li filwaqt li mhuwiex kontestat li f’soċjetà demokratika għandu jkun hemm espressjoni ta’ opinjoni ġenwina, mhux kontestat lanqas li d-dritt tal-libertà tal-kelma mhux assolut u insindakabbli. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi għandu jirriżulta li isem Karl Schranz, li huwa wieħed mid-diriġenti tagħha, huwa nieqes għal

kollox mir-rappurtaġġ tal-appellat, u l-artikoli kollha kif ikkompilati għall-appellat mid-Daphne Caruana Galizia Foundation tressqu bħala prova ewlenija li fuqha l-appellat sejjes l-opinjoni onesta u ġenwina espressa minnu. Is-soċjetà appellanta staqsiet għal liema raġuni hija ngħatat l-istess trattament mingħand l-appellat daqslikieku s-soċjetà appellanta jew Karl Schranz kellhom l-istess qrubija ma' Kočner bħal ma kellu Christian Ellul. Qalet li kien biss Ellul li kien miżżewweġ lit-tifla ta' Kočner għal xi żmien.

17. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għat-*tweet* tal-15 ta' Marzu, 2019, fejn l-appellat jerġa' jitlob għall-arrest tad-diriġenti tagħha, u qalet li hawnhekk l-appellat indika li huwa ċert li l-ġurnalist Slovakk inqatel għaliex s-soċjetà appellanta kienet involuta, mingħajr ma qal kif, fi skema ta' evażjoni tat-taxxa. Qalet li għalhekk l-immaġni li ried iwassal l-appellat kienet li minħabba xi azzjoni ta' skemar fil-frodi da parti tad-diriġenti tas-soċjetà appellanta, dan wassal u instiga lill-ġurnalist Jan Kuciak biex f'pajjiżu jinvestiga din l-allegata evażjoni tat-taxxa, liema investigazzjoni eventwalment wasslet għall-qtil tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat imkien ma ressaq provi li hija ssemmiet jew li d-diriġenti tagħha ġew investigati għal din l-allegata skema ta' frodi fis-Slovakkja, u mill-provi imkien ma ġie indikat li s-soċjetà appellanta, waħedha jew ma' oħrajn, ġiet użata minn Kočner sabiex iwettaq l-allegata frodi ta' taxxa fis-Slovakkja. L-appellanta qalet li minn ħarsa lejn id-dokumenti li ġew esebiti mill-appellat, għandu jirriżulta li l-allegata skema li jagħmel riferiment għaliha l-appellat, saret minn kumpannija oħra b'personalità ġuridika distinta u separata minn tagħha. Qalet li għalhekk m'hemmx bażi fuq xiex wieħed jifformula opinjoni ġenwina u onesta, u huwa għalhekk li fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u tal-fatti miġjuba quddiemha. Is-

soċjetà appellanta qalet li meta wieħed iħares lejn il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, wieħed isib li hija għamlet tagħha l-ħsibijiet u l-opinjonijiet tal-appellat, li ġew tradotti bħala stat ta' fatt. Qalet li għalhekk hija tasal biex tikkonkludi li l-Ewwel Qorti impressjonat ruħha b'dak li qal l-appellat, anki jekk dak li ntqal baqa' ma ġiex ippruvat minnu.

18. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li l-Qorti naqset milli tagħmel interpretazzjoni u evalwazzjoni korretta tal-elementi tal-liġi fis-sentenza appellata. Spjegat li hawnhekk wieħed irid janalizza u jħares sew lejn l-elementi legali li jagħmlu d-difiża tal-opinjoni onesta, fejn dawn ma japplikawx alternattivament, iżda kumulattivament. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet li hija ma kinitx sejra tidħol fil-veraċità *o meno* tal-fatti, iżda kienet ser tagħti deċiżjoni dwar opinjoni onesta u ġenwina. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja dan, ma jfissirx li l-informazzjoni li kellu l-appellat għad-dispożizzjoni tiegħu ma kinitx rilevanti sabiex jiġi analizzat jekk il-*value judgment* tiegħu u l-opinjoni fformulata minnu, humiex korretti. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha l-obbligu li tanalizza dik l-informazzjoni fid-dawl tal-elementi legali tal-istess difiża. Is-soċjetà appellanta qalet li 'opinjoni onesta' kellha tiġi kkwalifikata mill-eżistenza tal-provi, u meta jiġi allegat jew riprodott kumment allegatament malafamanti u diffamatorju fil-konfront ta' persuni privati, mingħajr l-eżistenza ta' prova li torbot lill-appellanti ma' dak allegat jew riprodott, l-estremi ġuridiċi ta' 'opinjoni onesta' ma jkunux ġew sodisfatti. Is-soċjetà appellanta qalet li wieħed irid iżomm f'moħħu l-kuntest danneġġjuż li jista' jarrekka lil persuna privata jew soċjetà kummerċjali, b'allegazzjonijiet ta' dik il-kwalità. Is-soċjetà appellanta qalet li hawnhekk *si tratta* ta' *tweet,* li fin-natura tagħha hija konċiża għall-aħħar u ma tistax tiġi

kkomparata ma' materjal ġurnalistiku bħal pubblikazzjoni f'gazzetta, fejn l-informazzjoni u l-opinjoni ta' ġurnalist jew ta' min ikun kiteb hija aktar dettaljata. Is-soċjetà appellanta staqsiet jekk l-atteġġjament tal-appellat jinkwadrax ruħhu f''opinjoni onesta' meta wieħed iqis li skont l-appellat, is-soċjetà appellanta tattira lejha negozju deplorevoli, tifforma parti minn skemi ta' evażjoni ta' taxxa ġewwa s-Slovakkja, u tagħmilha ma' u għandha klijenti kriminali, u s-soċjetà appellanta saħansitra hija assoċjata b'mod indirett mal-qtil ta' ġurnalist. Qalet li l-kawża odjerna *si tratta* kitba ta' ġurnalist prominenti fix-xena lokali u anki Ewropea, kunjomu Caruana Galizia u l-konnessjoni tiegħu mal-qtil hawn Malta tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, tattira ġustament qarrejja fuq livell internazzjonali, u dak li jingħad minnu joħloq emozzjonijiet u konvinċiment morali f'ċerti qarrejja. Is-soċjetà appellanta qalet f'dawn iċ-ċirkostanzi, biex jinħoloq bilanċ ġust u inekwivoku bejn il-libertà tal-espressjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' terzi, l-Ewwel Qorti kellha tapplika ċirkospezzjoni aktar wiesgħa u mirquma sabiex jinstab dan il-bilanċ. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ odjern ma jistax jingħad li hija jew id-diriġenti tagħha huma persuni pubbliċi, u li effettivament il-qtil ta' ġurnalist fis-Slovakkja u l-investigazzjoni li skattat dwar l-allegata skema ta' frodi jew evażjoni ta' taxxa, kellha sehem f'interess lokali li setgħet tqanqal jew tixpruna diskussjoni lokali, u għalhekk din ma kinitx tissodisfa l-vot ta' 'interess pubbliku'. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn ingħad li l-interess pubbliku mhux dritt assolut, u għalhekk dan mhux dritt mingħajr ebda limitazzjoni u bilanċ.

19. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-*tweets* in kwistjoni kienu żbilanċjati, u l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel analiżi tal-proporzjonalità

tad-drittijiet kif sanċiti fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u teżamina r-responsabbiltajiet u l-obbligi ta' ġurnalist f'dan ir-rigward. Qalet li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-element tal-proporzjonalità kif sanċit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 10 tal-istess Konvenzjoni, jiġifieri d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, u d-dritt tal-libertà tal-espressjoni. Qalet li dawn iż-żewġ drittijiet t-tnejn huma neċessarji fis-soċjetà, u l-Ewwel Qorti kellha tara kif dawn japplikaw fil-każ odjern. Qalet li d-difiża tal-opinjoni onesta tal-ġurnalist għandha tiġi mħaddma għaliex oġġettivament kulħadd jistħoqqlu li jkun infurmat b'aħbarijiet neċessarji għas-soċjetà li jifforma parti minnha *ai termini* tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, iżda daqstant ieħor hemm bżonn tal-protezzjoni tar-reputazzjoni u tal-ħajja privata tal-individwu kif protetti bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li minn qari akkurat tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti għandu jirriżulta li din skartat dan it-test ta' proporzjonalità, għaliex il-Qorti qalet li l-appellat għandu dritt tal-espressjoni libera, u li mhux bilfors kollox irid ikun vera, mingħajr ma tat piż għal kif l-appellanti u d-drittijiet tagħhom qegħdin jintlaqtu minn dikjarazzjonijiet li setgħu ma kinux veri. Is-soċjetà appellanta kkonkludiet ir-rikors tal-appell tagħha billi qalet li meta wieħed iħares lejn l-insinwazzjonijiet u l-mistoqsijiet li jagħmel l-appellat dwar jekk id-diriġenti tagħha għandhomx jiġu arrestati, jikkonfigura preċiżament u jinkwadra ruħhu fil-kuntest ġuridiku spjegat mill-Qorti, u f'dak li Gatley, f'*Libel and Slander* isejjaħ '*mischievous insinuation'.*

## Ir-Risposta tal-Appell

20. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. Spjega li l-bażi tal-aggravji tas-soċjetà appellanta hija li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament korrett u adegwat tal-fatti relattivi ppreżentati in atti, u dan l-apprezzament skorrett tal-fatti wassal biex l-Ewwel Qorti tasal għall-konklużjoni fil-fehma tal-appellanta skorretta, li l-istorja kienet ta' interess pubbliku u li s-soċjetà appellanta għandha titqies bħala 'persuna pubblika'. L-appellat saħaq li Qorti ta' reviżjoni għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti meta dan ikun tant żbaljat li jikkapovolġi għal kollox is-sitwazzjoni u l-konklużjoni. L-appellat spjega li r-retroxena għat-*tweets* tiegħu kienet li fi Frar 2018, jiġifieri erba' xhur wara li ġiet assassinata ommu Daphne Caruana Galizia, fis-Slovakkja ġew maqtula Jan Kuciak u l-*partner* tiegħu fil-kamra tas-sodda f'darhom. Qal li dan l-assassinju qajjem furur kemm fis-Slovakkja, fejn anki waqa' l-Gvern, kif ukoll madwar l-Ewropa, u bħala riżultat il-Pulizija bdiet tindaga dwar x'kien qiegħed jinvestiga dan il-ġurnalist fiż-żmien li fih inqatel. L-appellat qal li fis-snin qabel inqatel, Kuciak kien investiga u kiteb f'bosta gazzetti dwar aġir illeċitu ta' Marian Kočner. Qal li waħda minn dawn l-investigazzjonijiet kienet dwar kif Kočner kien allegatament involut fi frodi tal-VAT fis-Slovakkja ta' aktar minn 4 miljun Euro, u kif minħabba allegata inkompetenza tal-investigaturi Slovakki, ma ttieħdux passi kriminali fil-konfront tiegħu. L-appellat qal li d-*Donovaly Case* li Kočner kien involut fih, kien jinvolvi t-trasferiment ta' lukandi u *resorts* fis-snin 2010-2012, bejn fost oħrajn, kumpanniji Slovakki u Maltin li kienu kollha taħt il-kontroll ta' Kočner, jew li tagħhom huwa u membri tal-familja tiegħu kienu benefiċjarji, u permezz ta' dawn it-trasferimenti inċestużi u b'allegat qerq jew

frodi, Kočner irċieva rifużjonijiet ta' VAT mill-awtoritajiet Slovakki, li mhux suppost li kienu dovuti lilu, ċjoé *'VAT carousel fraud'.* L-appellat qal li l-kumpanniji Maltin involuti f'din il-ħadma u li ssemmew minn Kuciak, kienu International Investment Holdings Limited (IIHL) (C49553) u International Finance Group Limited (IFGL) (C52349). L-appellat spjega li r-rikorrent Christian Ellul serva bħala direttur ta' dawn iż-żewġ kumpanniji bejn l-2010 u l-2017 flimkien ma' Kočner, u Ellul kien miżżewweġ lil bint Kočner bejn l-2012 u l-2013. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta, permezz tad-diretturi u/jew impjegati tagħha, ipprovdiet ukoll servizzi varji lil dawn iż-żewġ kumpanniji, bħal ma huwa s-servizz ta' *company secretary* u *registered office,* sa ma dawn iż-żewġ kumpanniji ġew stralċjati. Qal li fl-ewwel xhur tas-sena 2018, l-MFSA u l-Malta Gaming Authority t-tnejn li huma ħadu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' Christian Ellul u Karl Schranz personalment, kif ukoll kontra s-soċjetà appellanta, u kontra kumpanniji oħra fejn Schranz u Ellul kienu 'fiduċjarji'. L-appellat spjega li f'Marzu tal-2019, Kočner ġie mixli li ordna u ħallas għall-qtil ta' Jan Kuciak u s-sieħba tiegħu, u t-*tweets* li jiffurmaw il-mertu ta' dawn il-proċeduri ttellgħu mill-appellat f'dan il-kuntest u f'dak iż-żmien, inkluż fid-dawl ta' informazzjoni li bdiet ħierġa mis-Slovakkja wara l-arrest u t-tfittxijiet fil-proprjetà ta' Kočner. Qal li kien fis-27 ta' Marzu, 2019, li s-soċjetà appellanta fetħet dawn il-proċeduri.

21. L-appellat qal li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, Kočner instab ħati ta' ffalsifikar u frodi f'każ ieħor investigat minn Kuciak, u Kočner kompla jiġi investigat mill-awtoritajiet Slovakki kemm dwar il-qtil ta' Kuciak u t-tfajla tiegħu, kif ukoll dwar każijiet oħra ta' tixħim u frodi, inkluż dwar l-involviment tiegħu fid-*Donovaly Case.* L-appellat qal li din il-Qorti għandha tara ċ-ċirkostanzi

attwali ta' meta huwa tella' dawn it-*tweets,* u l-fatt li f'temp ta' ftit xhur fl-Ewropa nqatlu żewġ ġurnalisti li kienu qegħdin jinvestigaw u jikxfu l-korruzzjoni u reati oħra mwettqa minn awtoritajiet ċivili jew miljunarji. Qal li wieħed għandu kull dritt jippreżumi li direttur ta' kumpannija u / jew *company secretary* għandhom iwettqu d-dmirijiet u responsabbiltajiet onerużi imposti fuqhom bil-liġi, u li dawn id-dmirijiet u responsabbiltajiet ma jispiċċawx għaliex wieħed jallega li dawn is-servizzi ngħataw *pro bono.* L-appellat qal li kien waqt li Christian Ellul kien direttur, u s-soċjetà appellanta kienet *company secretary* u kienet qiegħda toffri l-uffiċċju tagħha bħala *registered office* ta' dawn il-kumpanniji, li seħħew l-atti frawdolenti tad-*Donalvy case*. Qal li jsegwi li l-soċjetà appellanta jew kienet konsapevoli ta' dawn l-atti frawdolenti, u akkwiexxiet għat-twettiq tagħhom, jew inkella din irmiet l-obbligi tagħha u ma tatx każ x'inhi tagħmel quddiem obbligi ta' miljuni ta' Euro. L-appellat qal li kien biss wara li Jan Kuciak kixef dawn l-atti frawdolenti li s-soċjetà appellanta u Christian Ellul irriżenjaw mill-inkarigi tagħhom. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti fil-fatt ikkwotat mill-kitbiet ta' Kuciak, u sabet li kien bl-involviment attiv tal-kumpanniji Maltin li l-Gvern Slovakk ġie ffrodat miljuni ta' Euro.

22. L-appellat qal li huwa fatt inkontestat li f'temp ta' erba' xhur, ġew maqtula żewġ ġurnalisti investigattivi fit-territorju Ewropew, u fiż-żewġ assassinji, il-Pulizija waslu biex ressqu akkużati bl-omiċidji rispettivi, persuni li kienu qegħdin jiġu investigati minn dawn il-ġurnalisti. Qal li assassinju ta' ġurnalist investigattiv huwa ta' interess pubbliku kbir, u żewġ assassinji f'temp ta' erba' xhur mhux biss sabu ruħhom fuq il-faċċata tal-gazzetti Ewropej kollha, iżda bħala konsegwenza tagħhom, waqa' l-Gvern fis-Slovakkja u rriżenja l-Prim Ministru Malti. Qal ukoll li minnufih wara l-assassinju ta' Kuciak, bdew

investigazzjonijiet dwar il-kitbiet tiegħu, u fil-fatt tressaq u nstab ħati Marian Kočner fil-każ magħruf bħala d-*Donavaly Case*, li fih kienu involuti kumpanniji Slovakki u Maltin, fejn Christian Ellul kien konsulent legali u direttur, is-soċjetà appellanta E & S Consultancy Limited kienet is-Segretarju tal-kumpanniji, bir-*registered office* ta' dawn il-kumpanniji jkun l-istess indirizz tas-soċjetà appellanta. L-appellat qal li l-fatt li s-soċjetà appellanta ma tarax din l-istorja bħala waħda ta' interess publiku, hija problema tagħha għaliex din hija storja ta' interess pubbliku ġenerali. L-appellat qal li l-liġi fl-artikolu 4(5) tal-Kap. 579, tiddefinixxi min għandu jitqies bħala 'persuna pubblika', fejn is-subartikolu (ċ) jistabbilixxi li għandha titqies bħala persuna pubblika *'persuna li abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jirreferu għat-twettiq ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa'.* Qal li huwa inkontestat li d-diriġenti tas-soċjetà appellanta huma *accountant* u avukat rispettivament, u s-soċjetà appellanta tipprovdi servizzi legali u finanzjarji.

23. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat jgħid li fil-każ odjern l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-appellat li l-pubblikazzjoni tammonta għal opinjoni onesta. Jgħid li din hija difiża ġdida introdotta fil-liġi Maltija meta daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta), liema difiża lliberalizzat l-liġi b'mod radikali. Qal li din id-difiża ġdida fil-fatt tirrikonoxxi d-dritt ta' kull individwu li mhux biss jifforma opinjonijiet, iżda jesprimihom u jikkomunikahom lil ħaddieħor, li jirreaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod suġġettiv, anki jekk fil-proċess ikun wasal għal konklużjonijiet li mhumiex korretti. Qal li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti għamlet analiżi profonda dwar l-elementi legali meħtieġa biex tirnexxi din id-

difiża, u dwar jekk huwa setax ikollu opinjoni espressa fit-*tweets* abbażi tal-fatti eżistenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tagħhom.

24. B'riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat wieġeb li d-dritt tal-esponenti tas-soċjetà appellanta għal ħajja privata u familjari baqa' integru, billi t-*tweets* bl-ebda mod ma jsemmu l-ħajja privata u familjari tal-appellanta, u għalhekk mhux possibbli li wieħed jargumenta li kellu jinżamm bilanċ bejn dawn id-drittijiet fundamentali meta d-dritt tal-ħajja privata ma ntmessx.

25. L-appellat qal ukoll li biex persuna tipproċedi b'kawża ta' libell, wieħed għandu jippreżumi li dik il-persuna ħasset ruħha offiża bil-pubblikazzjoni. Qal li mhux kull pubblikazzjoni offensiva hija libelluża skont il-liġi, u għamel riferiment għal sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem[1] li tgħid li l-libertà tal-espressjoni tapplika mhux biss għal ideat jew informazzjoni li mhumiex offensivi jew li wieħed jista' jkun indifferenti għalihom, iżda wkoll għal ideat li jixxukkjaw, joffendu jew jiddisturbaw lil min jirċevihom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

26. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat.

*L-ewwel aggravju: evalwazzjoni skorretta tal-provi mill-Ewwel Qorti*

[1] ECHR Handyside judgement tas-07.12.1976.

27. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett tal-provi miġjuba quddiemha, meta kkonsidrat li l-appellat esprima 'opinjoni onesta' fit-*tweets* ippubblikati minnu, iżda skartat għal kollox il-provi miġjuba mis-soċjetà appellanta li f'dan il-każ hija ġarbet konsegwenzi minħabba fir-rappurtaġġ tal-appellat. Qalet li t-*tweets* in kwistjoni ġew imxandra fuq pjattaforma miftuħa, b'aċċess inkontrollat u b'*readership* mingħajr limitu, u l-appellat rabat il-qtil tal-ġurnalist Jan Kuciak mal-operat tagħha bħala kumpannija li topera fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Is-soċjetà appellanta spjegat li waħda mill-konsegwenzi sofferti minnha minħabba dak li ġie rappurtat mill-appellat, kien l-irtirar tal-liċenzji mill-MFSA u mill-*Malta Gaming Authority,* u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra li għandu jinħoloq bilanċ bejn il-jedd tal-ġurnalist li jesprimi opinjoni onesta, u l-protezzjoni li għandha tiġi estiża lil min isofri konsegwenza ta' insinwazzjonijiet li jsiru meta jiġu espressi opinjonijiet bħal dawn. Is-soċjetà appellanta qalet li bid-deċiżjoni tagħha, l-Ewwel Qorti għamlet tagħha l-konklużjonijiet u l-opinjoni espressa mill-appellat, u dan mingħajr ma qieset il-provi prodotti minnha.

28. Ir-retroxena għal dan l-appell hija sensiela ta' rapporti f'ġurnali kemm Maltin kif ukoll barranin, li jorbtu l-qtil tal-ġurnalist Slovakk Jan Kuciak u tas-sieħba tiegħu, ma' negozjant ewlieni fis-Slovakkja Marian Kočner. Kien wara li seħħ il-qtil ta' Kuciak u s-sieħba tiegħu fis-Slovakkja, erba' xhur biss wara l-assassinju f'Malta ta' omm l-appellat, Daphne Caruana Galizia, li l-appellat ippubblika t-*tweets* li permezz tagħhom għamel diversi osservazzjonijiet u konnessjonijiet bejn l-operat tas-soċjetà appellanta, u l-persuna li kien qiegħed jiġi investigat b'rabta mal-qtil ta' Kuciak u s-sieħba tiegħu. Naturalment ma kienx l-appellat li wasal għall-konklużjoni li Marian Kočner, negozjant ewlieni

fis-Slovakkja seta' kien il-moħħ wara l-qtil ta' ġurnalist f'pajjiżu, iżda kienu l-investigazzjonijiet li saru dwar dan il-qtil li wasslu biex ġie arrestrat Kočner, u biex ġew żvelati stejjer li jorbtu x-xogħol investigattiv li kien qiegħed jagħmel Kuciak fiż-żmien li fih inqatel, ma' dan in-negozjant ewlieni f'pajjiżu. Dawn l-investigazzjonijiet wasslu biex ġie stabbilit li Kočner għamel użu mis-servizzi offruti mis-soċjetà appellanta għan-negozju tiegħu, u ġie żvelat ukoll li għal xi żmien dan kellu relazzjoni ta' qrubija ma' wieħed mid-diretturi tas-soċjetà appellanta, stante li bintu kienet miżżewġa lill-avukat Christian Ellul bejn l-2012 u l-2013. Minn dawn l-investigazzjonijiet irriżulta wkoll li bejn l-2010 u l-2017, is-soċjetà appellanta pprestat servizzi varji lil Kočner, fosthom bl-inkorporazzjoni ta' kumpanniji hawn Malta, bl-użu tal-uffiċċju tas-soċjetà appellanta bħala *registered office* għall-kumpanniji inkorporati f'Malta, bl-għoti tas-servizz ta' *company secretary* mis-soċjetà appellanta lil dawn il-kumpanniji, kif ukoll billi l-avukat Ellul kien direttur ta' waħda mill-kumpanniji inkorporati hawn Malta. Kienu dawn ir-rabtiet bejn is-soċjetà appellanta u l-persuna akkużata li kienet il-moħħ wara l-qtil ta' Kuciak, li wasslu lill-appellat jippubblika t-*tweets* li s-soċjetà appellanta tgħid li huma malafamanti u diffamatorji fil-konfront tagħha, partikolarment fejn l-appellat staqsa jekk wasalx iż-żmien li jsiru xi arresti hawn Malta b'rabta ma' dan il-każ. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha spjegat li meta nqatel Kuciak, dan kien qiegħed jinvestiga skema ta' evażjoni tat-taxxa li aktarx kienet titħaddem minn Malta, li fiha kien hemm l-involviment tas-soċjetà appellanta jew tad-diriġenti tagħha, li anki jekk kienu qegħdin jaħdmu *pro bono* kellhom obbligi onerużi ferm x'josservaw kemm bħala diretturi tas-soċjetajiet inkorporati minnhom, kif ukoll fir-rigward tas-servizzi l-oħra kollha li ġew ipprestati minnhom fuq medda ta' seba' snin bejn l-

2010 u l-2017. L-Ewwel Qorti fil-fatt osservat li l-appellat f'dan il-każ esprima l-fehma li d-diretturi tas-soċjetà appellanta għandhom jiġu arrestati u investigati, u kif inhu ben risaput, arrest ma jfissirx ħtija. L-opinjoni espressa mill-appellat f'dan il-każ kienet li l-prestazzjoni tas-servizzi da parti tas-soċjetà appellanta wasslet biex ġew iffaċilitati tranżazzjonijiet finanzjarji li kienu fil-mira tal-investigazzjoni li saret mill-ġurnalist maqtul. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-fehmiet espressi mill-appellat huma bbażati fuq abbundanza ta' fatti li eżistew fiż-żmien li fih dehru dawn it-*tweets,* u persuna onesta setgħet faċilment, leġittimament u onestament tasal għall-istess fehmiet espressi mill-appellat.

29. Is-soċjetà appellanta tilmenta permezz tal-ewwel aggravju tagħha, li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-ħsara sofferta minnha minħabba t-*tweets* in kwistjoni. Din il-Qorti iżda ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta. Fl-ewwel lok irid jiġi ppuntwalizzat li l-opinjoni espressa mill-appellat segwit diversi xhur ta' investigazzjonijiet mill-Pulizija u rapporti f'ġurnali barranin li wasslu biex ġiet stabbilita l-konnessjoni bejn is-soċjetà appellanta u l-persuna mixlija li kienet il-moħħ wara l-qtil ta' Kuciak u tas-sieħba tiegħu. Kien permezz ta' dawn l-investigazzjonijiet li ġie stabbilit li l-operat tas-soċjetà appellanta bħala provditur ta' servizzi finanzjarji, ma kienx konformi mal-obbligi ferm onerużi li l-istess soċjetà appellanta kellha ġġorr meta pprestat is-servizzi tagħha, u dan wara li ġie stabbilit li l-avukat Christian Ellul kien direttur ta' waħda mill-kumpanniji li ffaċilitat skemi ta' evażjoni ta' taxxa u frodi għad-detriment tal-Gvern Slovakk, kif ukoll fil-vesti ta' *company secretary* tal-istess kumpannija. Minn dawn l-investigazzjonijiet ġie stabbilit ukoll li l-ġurnalist Jan Kuciak inqatel għaliex kien qiegħed jinvestiga l-operat tan-negozjant involut f'din l-iskema ta' evażjoni ta' taxxa u frodi, kif ukoll l-operat

tad-diversi kumpanniji li dan in-negozjant kien involut fihom. Is-soċjetà appellanta, filwaqt li tgħid li kien minħabba t-*tweets* ippubblikati mill-appellat li hija sofriet danni għar-reputazzjoni tagħha, fl-istess waqt ma tgħid xejn dwar dawn il-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti, li wasslu lill-Ewwel Qorti tikkonkludi li l-pubblikazzjoni tal-appellat tammonta għal espressjoni tal-opinjoni onesta tiegħu. Is-soċjetà appellanta per eżempju bl-ebda mod ma ppruvat li d-diriġenti tas-soċjetà appellanta qdew l-obbligi imposti fuqhom mil-liġi jew ħadu passi sabiex jassiguraw li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-kumpannija mmexxija minnhom, jiġifieri li din attivament għenet u kienet involuta fi skema ta' evażjoni tat-taxxa, m'għandhomx mis-sewwa. Jirriżulta wkoll li l-awtoritajiet Maltin, jiġifieri l-MFSA u l-*Malta Gaming Authority,* ħadu passi dixxiplinarji fil-konfront tas-soċjetà appellanta fil-bidu tal-2018, jiġifieri fl-istess żmien li nqatel Kuciak, u meta kien għad m'hemm l-ebda investigazzjoni li stabbiliet in-ness bejn is-soċjetà appellanta u l-għemil ta' Kočner. Dan ifisser li uħud mir-riperkussjonijiet u konsegwenzi li tilmenta minnhom is-soċjetà appellanta huma riżultat ta' investigazzjonijiet indipendenti li saru fuq l-operat tagħha, lil hinn mit-*tweets* u l-pubblikazzjonijiet tal-appellat. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, għaliex ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, u għalhekk tiċħad dan l-aggravju.

*It-tieni aggravju:* *fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti naqset li tagħmel interpretazzjoni u evalwazzjoni korretta tal-elementi tal-liġi*

30. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li meta jiġi riprodott kumment malafamanti u diffamatorju fil-konfront ta' persuni privati, mingħajr l-eżistenza ta' prova li torbot lill-appellanta ma' dak allegat jew riprodott mill-appellat, l-estremi ġuridiċi tal-opinjoni onesta ma jkunux ġew sodisfatti. Żiedet tgħid li l-Ewwel Qorti kellha tara li jintlaħaq bilanċ bejn il-pubblikazzjoni tal-appellat, li huwa ġurnalist rinomat anki fuq livell internazzjonali, li dak li jikteb jattira ammont ta' segwaċi, u l-jedd tagħha li jkollha protezzjoni għar-reputazzjoni tagħha. Qalet ukoll li hija mhijiex persuna pubblika, u għalhekk dak ippubblikat mill-appellat m'huwa tal-ebda interess pubbliku.

31. Il-Qorti tibda billi tesprimi nuqqas ta' qbil mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta li hija għandha titqies bħala persuna privata, u li dak li kiteb l-appellat mhuwiex ta' interess pubbliku. L-artikolu 4(5)(ċ) tal-Kap. 579 jiddefinixxi 'persuna pubblika' bħala persuna li *"abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa,u l-fatti attribwiti lilha jirreferu għat-twettiq ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa".* M'hemmx dubju li s-soċjetà appellanta kienet qegħda taġixxi fil-vesti ta' provditur ta' servizzi professjonali, u d-diriġenti tagħha kienu qegħdin jeżerċitaw il-professjonijiet rispettivi tagħhom ta' avukat u *accountant* fl-għoti ta' dawn is-servizzi. Għaldaqstant ma jistax jingħad li s-soċjetà appellanta għandha tingħata l-istess protezzjoni bħal 'persuna privata'. Lanqas ma jista' jingħad li dak li ġie miktub mill-appellat mhuwiex materja ta' interess pubbliku, u dan meta bħala retroxena għall-pubblikazzjonijiet in kwistjoni hemm l-assassinju ta' ġurnalist investigattiv li kien qiegħed jinvestiga l-involviment ta' negozjant ewlieni f'pajjiżu fi skema biex jiġi ffrodat il-gvern ta' pajjiżu. Dan ftit tal-ġimgħat wara li anki f'pajjiżna ġiet assassinata ġurnalista investigattiva, inċidentalment omm l-appellat, liema avveniment iddomina l-

aħbarijiet lokali u anki Ewropej għal bosta xhur wara li seħħ, li juri li kien hemm interess pubbliku qawwi kemm fil-qtil tal-ġurnalisti *per se,* imma anki f'dak li wassal għal dawn iż-żewġ assassinji.

32. Il-Qorti kkunsidrat il-gravità tas-sejbiet li saru, indipendentement mill-mod kif imxiet is-soċjetà appellanta fir-rigward tal-obbligi onerużi ferm imposti fuqha mil-liġi; in-natura tal-opinjoni espressa mill-appellat, u kemm dak li qal l-appellat huwa materja ta' interess pubbliku; is-sors tal-informazzjoni tal-appellat, li jirriżulta li kienu diversi artikli u r-riżultanzi ta' stħarriġ li sar minn investigaturi fis-Slovakkja; il-fatt li dak ippubblikat mill-appellat kien diġà fid-dominju pubbliku, kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti quddiem l-Ewwel Qorti, u l-fatt li l-ewwel *red flags* dehru fl-2012 fir-rigward tal-operat tas-soċjetà appellanta u r-rabtiet tagħha ma' Kočner; il-fatt li dawn ir-rivelazzjonijiet kienu ta' natura urġenti, u ċ-ċirkostanzi li wasslu għal dawn il-pubblikazzjonijiet, partikolarment meta wieħed iqis li wara l-assassinju tal-ġurnalist Jan Kuciak fis-Slovakkja waqa' l-Gvern, filwaqt li kien hemm riperkussjonijiet oħra fis-settur tan-negozju.[2] Il-Qorti ma tistax tqis li ma kienx hemm interess pubbliku fl-opinjoni espressa mill-appellat. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qal Lord Denning fis-sentenza ***London Artists Ltd v. Littler** [1969]*[3]:

> *"Whenever a matter is such as to affect people at large, so that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or others; then it is a matter of public interest on which everyone is entitled to make fair comment."*

---

[2] Il-Qorti hawn ikkonsidrat l-għaxar elementi elenkati minn Lord Nicholls fid-deċiżjoni tal-House of Lords fl-ismijiet ***Reynolds v. Times Newspapers Ltd.*** (28.10,1999), li minkejja li mhux kollha japplikaw għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, jinkludu fatturi li din il-Qorti tqis li huma importanti sabiex jgħinu fid-determinazzjoni dwar jekk l-elementi tal-liġi applikabbli ġewx sodisfatti kollha.
[3] 2 Q.B. 375, 391

33. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza **De Haes Gijsels v. Belgium** (1997) qalet illi:

> *"It is incumbent on the press to impart information and ideas of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas: the public also has a right to receive them."*

34. Huwa minn ewl id-dinja li l-pubbliku jiddependi fuq il-*media* għall-informazzjoni u għat-twassil ta' opinjonijiet iffurmati abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-ġurnalist, u l-pubbliku b'mod ġenerali m'għandux għarfien tal-intriċċi u l-konnessjonijiet li jkun hemm bejn aħbar fix-xena internazzjonali u dak li jista' jkun għaddej lokalment. Huwa għalhekk li quddiem ċirkostanzi bħal dawn li d-difiża li jaħseb għaliha l-artikolu 4 tal-Kap. 579 għandha tirnexxi, kemm għaliex min qiegħed jippresta servizz professjonali m'għandux jinħeba wara l-l-iskuża li huwa persuna privata, kif ukoll għaliex avvenimenti bħal dawn huma ċertament ta' interess pubbliku. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *proporzjonalità bejn id-drittijiet tas-soċjetà appellanta u d-dritt tal-appellat għal-libertà tal-espressjoni*

35. Is-soċjetà appellanta tgħid li ħassitha aggravata wkoll għaliex meta l-Ewwel Qorti aċċettat li l-pubblikazzjonijiet tal-appellat huma riżultat tal-opinjoni onesta tiegħu, hija naqset milli tistabbilixxi l-proporzjonalità li kellha tintlaħaq bejn ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tad-diriġenti tagħha, u d-dritt tal-appellat għal-libertà tal-espressjoni, u l-Ewwel Qorti naqset milli

tevalwa b'liema mod is-soċjetà appellanta ġiet milquta bl-allegazzjonijiet li saru mill-appellat.

36. Il-Qorti tirrileva li bit-*tweets* ippubblikati mill-appellat, ma ssemma l-ebda fattur li b'xi mod jista' jinċidi fuq id-dritt tal-esponenti tas-soċjetà appellanta għall-ħajja privata u familjari tagħhom. Il-Qorti tirrileva wkoll, li kuntrarjament għal dak li ppruvat timplika s-soċjetà appellanta, bit-*tweets* tiegħu l-appellat imkien ma mplika li hemm rabtiet diretti bejn id-diriġenti tas-soċjetà appellanta u l-qtil fis-Slovakkja tal-ġurnalist Jan Kuciak, imma bil-pubblikazzjonijiet impunjati l-appellat kien qiegħed jitlob għal aktar skrutinju mill-awtoritajiet Maltin tal-operat u tal-prattiċi mħaddma mis-soċjetà appellanta fil-ħidma professjonali tagħha. Din il-Qorti tqis li kull azzjoni ta' malafama li tiġi istitwita, tfittex li jintlaħaq bilanċ bejn id-dritt tal-libertà tal-espressjoni tal-parti konvenuta u d-dritt għall-protezzjoni tar-reputazzjoni tal-parti attriċi. Dan però m'għandux ifisser li sabiex tiġi protetta r-reputazzjoni ta' individwu jew ta' entità, il-libertà tal-ħsieb u tal-espressjoni ta' opinjoni li wieħed jista' raġonevolment jasal għaliha, għandhom ikunu mxekkla. Din il-Qorti tirrileva li filwaqt li l-protezzjoni tas-sorsi hija dritt fundamentali fil-qasam ġurnalistiku, fil-każ odjern l-appellat ippreżenta evidenza kopjuża li abbażi tagħha huwa wasal għall-opinjoni tiegħu, u kien f'dan il-kuntest li l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha li t-*tweets* ippubblikati mill-appellat jammontaw għal espressjoni tal-opinjoni onesta tiegħu. Għaldaqstant din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Ewwel Qorti naqset milli tilħaq proporzjonalità bejn id-drittijiet fundamentali rispettivi tal-partijiet. Il-fatt li l-Ewwel Qorti sabet li l-pubblikazzjonijiet in kwistjoni jammontaw għall-opinjoni onesta tal-appellat, m'għandux ifisser li l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa jekk dak ippubblikat mill-

appellat, kisirx xi jedd tas-soċjetà appellanta. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-pubblikazzjonijiet tal-appellat huma riżultat tal-opinjoni onesta tiegħu, u għalhekk jimmeritaw il-protezzjoni tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**